MT 2014 Nru 06

Rapport Speċjali

# L-appoġġ mill-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli — inkisbu riżultati tajbin?

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-872-0406-6
doi:10.2865/85220

© L-Unjoni Ewropea 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

MT 2014 Nru 06

Rapport Speċjali

# L-appoġġ mill-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli — inkisbu riżultati tajbin?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Werrej



Paragrafu


Glossarju u abbrevjazzjonijiet

I – VIII Sommarju eżekuttiv

1 – 11 Introduzzjoni

1 – 3 Enerġija rinnovabbli

4 – 6 Objettivi tal-Politika tal-UE — il-mira għall-enerġija rinnovabbli għall-2020

7 Ostakoli għall-enerġija rinnovabbli

8 Appoġġ Finanzjarju għall-enerġija rinnovabbli mill-politika ta' Koeżjoni

9 – 11 Ġestjoni kondiviża

12 – 13 Ambitu u approċċ tal-awditjar

14 – 47 Osservazzjonijiet

14 – 16 Il-proġetti awditjati qed iwasslu outputs kif ippjanat ...

14 – 16 L-istampa kumplessiva hija waħda ta' proġetti ppjanati tajjeb li jwasslu outputs skont kif ippjanat

17 – 21 … iżda qed jiltaqgħu ma' xi diffikultajiet fl-impimentazzjoni

17 – 21 Hemm lok għal titjib ulterjuri fl-istadji kollha tal-proġetti — mill-akkwist għall-operazzjonijiet u sal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

22 – 25 … u r-riżultati mhumiex qed jitkejlu b'mod adatt jew il-proġetti mhumiex qed jilħqu l-miri tagħhom tal-ġenerazzjoni ta' enerġija fil-maġġoranza tal-każijiet

22 – 23 Il-ġbir u r-rappurtar tad-*data* tas-SER jistgħu jittejbu

24 – 25 Ir-riżultati tal-proġetti mhux dejjem inkisbu

26 – 31 Il-prinċipju ta' kosteffettività ma jitqiesx bis-sħiħ fl-ippjanar tal-proġetti SER

26 – 27 Kosteffettività — objettiv importanti fl-infiq tal-UE

28 – 31 Hemm lok għal enfasi fuq il-kosteffettività fi stadju bikri

# Werrej

32 – 40 … u hemm ukoll lok għal proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER li jkunu aktar kosteffettivi

41 – 47 Fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni b'valur miżjud limitat tal-UE — il-proġetti SER ma tawx il-kontribut sħiħ tagħhom għall-objettivi tal-UE fil-qasam tal-enerġija

48 – 54 Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Anness I — Ħarsa ġenerali lejn il-progress tal-Istati Membri lejn il-mira tas-SER għall-2020

Anness II — Allokazzjoni ta' fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni (FEŻR u FK 2007-2013) għal proġetti SER u proġetti magħżula 2007-2012

Anness III — Lista ta' proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER li ġew awditjati

Anness IV — Evalwazzjoni fil-qosor tar-riżultati tal-proġetti SER

Risposti tal-Kummissjoni



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

# Glossarju u abbrevjazzjonijiet



**$CO_2$:** Diossidu tal-karbonju

**Deadweight:** Deadweight iseħħ fejn finanzjament jiġi pprovdut biex jappoġġa benefiċjarju li kien jagħmel l-istess għażla fin-nuqqas ta' għajnuna. F'każijiet bħal dawn, l-eżitu ma jistax jiġi attribwit għall-politika, u l-għajnuna mħallsa lill-benefiċjarju ma kellha l-ebda impatt dirett.

**Direttiva SER:** Id-Direttiva 2009/28/KE tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE.

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FK:** Fond ta' Koeżjoni

**Kunċett ta' kosteffettività**: Dan jikkonċerna l-abbiltà jew il-potenzjal li entità, attività, programm jew operazzjoni awditjata tikseb ċerti eżiti b'kost raġonevoli. L-analiżijiet tal-kosteffettività huma studji tar-relazzjoni bejn il-kost u l-eżiti ta' proġett, espressa bħala kost għal kull unità ta' eżitu miksub[1]. Il-kunċett huwa enfasizzat ukoll fir-regoli finanzjarji tal-UE (ara l-paragrafu 6).

**Miri tas-SER għall-2020:** Id-Direttiva 2009/28/KE dwar l-enerġija rinnovabbli, li kellha tiġi implimentata mill-Istati Membri sa Diċembru 2010, stabbilixxiet miri nazzjonali mandatorji għall-Istati Membri kollha sabiex sal-2020 l-UE tikseb sehem ta' 20 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli inġenerali u ta' 10 % fis-settur tat-trasport b'mod partikolari.

**PV:** Fotovoltajku

**SER:** Sorsi tal-enerġija rinnovabbli — enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b'mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx, dik aerotermika, ġeotermika, idrotermika u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet:

- **Enerġija ġeotermali** tfisser l-enerġija maħżuna fil-forma ta' sħana taħt il-wiċċ ta' art solida.
- **Bijomassa** tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura (inklużi sustanzi veġetali u mill-annimali), l-industriji forestali u industriji relatati inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart industrijali u muniċipali.
- **Enerġija solari** tfisser dawl u sħana radjanti mix-xemx ikkontrollati bl-użu ta' firxa ta' teknoloġiji bħal tisħin solari, fotovoltajċi solari u elettriku solari termali.
- **Potenza eolika** tfisser il-konverżjoni ta' enerġija mir-riħ f'forma utli ta' enerġija, bħall-użu ta' turbini eoliċi għall-produzzjoni ta' potenza elettrika
- **Idroenerġija** hija l-konverżjoni ta' enerġija kinetika derivata mill-ilma nieżel u l-ilma ġieri f'enerġija elettrika.

1 ISSAI 3000: Standards u linji gwida għall-awditjar tal-prestazzjoni bbażati fuq l-Istandards tal-Awditjar tal-INTOSAI u fuq esperjenza prattika.

# Glossarju u abbrevjazzjonijiet



**SM:** Stat Membru

**Tariffa "feed-in" (FIT):** Mekkaniżmu ta' politika mfassal biex jaċċellera l-investiment f'teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli billi joffri kuntratti fit-tul lill-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, tipikament ibbażati fuq il-kost ta' ġenerazzjoni ta' kull teknoloġija.

**Valur miżjud tal-UE:** Fuq livell ġenerali, valur miżjud tal-UE huwa l-valur li jirriżulta minn intervent tal-UE li huwa addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq minn azzjoni tal-Istati Membri waħidha.

**VIA:** Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali

**Unitajiet ta' kejl tal-enerġija:**

- **GW, MW, kW** – Giga/Mega/Kilo watt
- **GWh, MWh, kWh** – Giga/Mega/Kilo watt hour
- **kWp** — kilowatts-peak – potenza nominali tal-modulu PV

# Sommarju eżekuttiv



## I

Dan l-awditu fittex li jwieġeb il-mistoqsija dwar jekk kinux inkisbu riżultati tajbin biż-żewġ sorsi ta' finanzjament l-aktar importanti fost il-programmi ta' nfiq tal-UE għall-promozzjoni ta' enerġija rinnovabbli — il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (il-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni).

## II

Bejn wieħed u ieħor EUR 4,7 biljun ġew allokati għall-enerġija rinnovabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007 — 2013. Il-Qorti eżaminat jekk il-fondi f'dak il-perjodu kinux ġew allokati għal proġetti għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli li kienu magħżula skont prijoritajiet stabbiliti tajjeb, u li kienu kosteffettivi u maturi, b'objettivi razzjonali u sa liema punt dawn il-fondi kienu kisbu riżultati tajbin fil-kontribut għall-mira tal-UE għall-2020 għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli (SER).

## III

Il-Qorti sabet li l-24 proġett għall-ġenerazzjoni mis-SER li ġew awditjati[2] wasslu outputs kif ippjanat. Il-parti l-kbira tal-proġetti SER li ġew awditjati kienu maturi biżżejjed u lesti biex jiġu implimentati meta ntgħażlu. Ma kien hemm ebda spiża importanti li kienet akbar milli ppjanat jew dewmien ta' żmien konsiderevoli fil-proġetti u l-kapaċitajiet għall-ġenerazzjoni mis-SER ġew installati kif ippjanat u kienu operazzjonali. Ma kien hemm evidenti l-ebda riskju importanti għas-sostenibbiltà teknika tagħhom.

2 Ir-riżultati tal-awditjar kienu derivati minn eżaminar ta' 24 proġett ikkompletat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli minn 9 Programmi Operazzjonali ffinanzjati permezz tal-FEŻR jew tal-FK f'Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Finlandja u r-Renju Unit. Il-proġetti kienu fis-setturi tal-enerġija mill-bijomassa, fotovoltajka, termali solari u eolika.

## IV

F'terz tal-proġetti awditjati l-miri ta' produzzjoni tal-enerġija kienu ntlaħqu (jew kważi ntlaħqu) u kienu tkejlu b'mod adatt. Il-Qorti sabet li l-valur kumplessiv għall-flus tal-appoġġ mill-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni lil proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER kien limitat fl-għajnuna li ta għall-ilħuq tal-mira tal-UE fir-rigward tas-SER għall-2020, peress li:

- il-kosteffettività ma kinitx il-prinċipju ta' gwida fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER, u
- il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni kellhom valur miżjud tal-UE limitat.

## V

F'aktar dettall, il-Qorti sabet potenzjal għal titjib fl-Istati Membri koperti mill-awditu: xi proċessi ta' akkwist ma kinux jiżguraw għal kollox it-trasparenza, il-ġustizzja u l-effiċjenza fl-għażla tal-kuntratturi; it-tħejjija ma kinitx suffiċjenti għal monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi; il-programmi ma spjegawx kif il-fondi tal-UE setgħu jikkontribwixxu b'mod kosteffettiv għall-ilħuq tal-objettivi tas-SER; il-kosteffettività tal-miżuri f'setturi differenti tas-SER mhux dejjem tqieset meta l-baġits ġew assenjati; u l-programmi naqsu milli jistabbilixxu indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

## VI

Il-Qorti tikkonkludi li jeħtieġ li jsir titjib biex il-finanzjament taħt dawn il-programmi jkun jista' jagħti l-akbar kontribut possibbli għall-ilħuq tal-miri tas-SER għall-2020.

## VII

Inġenerali, l-infiq taħt il-politika ta' Koeżjoni jwassal benefiċċji għall-ekonomija usa', u għalkemm il-kejl dirett tat-tkabbir ekonomiku jew tal-ħolqien ta' impjiegi — il-miri komprensivi tal-politika ta' Koeżjoni — kien barra mill-ambitu ta' dan l-awditu, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti qegħdin jsiru wkoll fil-kuntest ta' dawn il-miri tal-politika.

## VIII

Bil-ħsieb ta' użu x'aktarx imsaħħaħ tal-fondi tal-UE għall-promozzjoni tas-SER fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014 – 2020, il-Qorti tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

**Rakkomandazzjoni 1**

Il-Kummissjoni, permezz tal-istabbiliment ta' gwida għat-tħejjija u l-għażla ta' programmi u ta' proġetti kif ukoll permezz tal-kundizzjonijiet biex il-finanzjament isir disponibbli għal investimenti għall-ġenerazzjoni mis-SER, għandha:

- tiżgura li programmi futuri tas-SER ikkofinanzjati taħt il-politika ta' Koeżjoni jkunu ggwidati mill-prinċipju ta' kosteffettività, inkluż l-evitar ta' deadweight. Il-programmi jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni adatta tal-ħtiġijiet, prijoritizzazzjoni tat-teknoloġiji l-aktar kosteffettivi (filwaqt li ma ssirx diskriminazzjoni bejn is-setturi tas-SER) u kontribut ottimu għall-mira tas-SER għall-2020. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti objettivi adegwati għall-ġenerazzjoni mis-SER fir-rigward tal-baġit kif ukoll kriterji tal-għażla tal-proġetti b'fokus fuq il-kosteffettività tar-riżultati ta' ġenerazzjoni tal-enerġija (bl-evitar tal-kumpens eċċessiv tal-proġetti);
- tippromwovi l-istabbiliment ta' qafas regolatorju stabbli u prevedibbli għas-SER inġenerali mill-Istati Membri, flimkien ma' proċeduri li jimxu aktar ħarir għall-integrazzjoni tal-elettriku mis-SER fin-netwerks tal-grilji.

**Rakkomandazzjoni 2**

Ibbażat fuq gwida mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw kriterji minimi ta' kosteffettività li jkunu adattati għaċ-ċirkostanzi tal-proġetti. Huma għandhom ukoll isaħħu l-valur miżjud tal-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni billi jtejbu l-implimentazzjoni kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti SER u billi jibnu ħażna ta' *data* mkejla dwar l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fis-setturi rilevanti kollha tas-SER.

# Introduzzjoni



## Enerġija rinnovabbli

**01**
L-enerġija minn sorsi rinnovabbli (SER) hija importanti għat-titjib tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija fl-UE u għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq karburanti (fossili) konvenzjonali u fuq enerġija importata, kif ukoll għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass serra. L-elettriku u s-sħana jistgħu jiġu ġġenerati minn firxa ta' riżorsi, mix-xemx (potenza solari kkonċentrata jew potenza fotovoltajka), mir-riħ (fuq l-art jew fuq il-baħar), mill-ilma (sistemi idriċi kbar, żgħar jew mikro), mill-art (ġeotermali għall-elettriku jew għas-sħana) u mill-bijomassa (solidi, likwidi, gass mill-miżbla u l-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart industrijali u muniċipali, u bijokarburanti likwidi).

**02**
Is-SER għandhom ukoll rwol importanti fit-tnaqqis ta' emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) u fit-tisiħ tas-sostenibbiltà ambjentali. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-SER għandu l-potenzjal li jagħti spinta lill-ekonomija, il-kompetittività industrijali u l-impjieg fl-Ewropa. Is-SER huma mistennija li jkunu kompetittivi ekonomikament mas-sorsi konvenzjonali tal-enerġija fit-terminu medju sa dak twil[3].

**03**
L-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli huwa stipulat fl-Artikolu 194(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u l-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib tal-ambjent.

## Objettivi tal-Politika tal-UE — il-mira għall-enerġija rinnovabbli għall-2020

**04**
Diġà fl-1997, l-UE kienet iddikjarat mira ta' 12 % għas-SER sal-2010. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) stabbilixxa mira vinkolanti tal-UE ta' 20 % fis-SER fil-konsum finali gross tal-enerġija sal-2020, ibbażata fuq il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli, tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi mogħdija għall-integrazzjoni tas-SER fil-politiki u s-swieq tal-enerġija tal-UE (ara l-***Anness I*** dwar il-miri nazzjonali tas-SER għall-2020)[4]. Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, adottata fl-2009, tikkostitwixxi qafas legalment vinkolanti għall-promozzjoni tas-SER sal-2020[5]:

- Minbarra li tistabbilixxi l-mira kumplessiva vinkolanti ta' 20 % għall-UE u l-miri nazzjonali vinkolanti ta' bejn 10 % u 49 % sal-2020, hija ttejjeb il-qafas għall-promozzjoni tal-elettriku mis-SER (eż. bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti għall-Istati Membri dwar aċċess għall-grilja tal-elettriku u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi).
- Hija ħtieġet li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li jistabbilixxu pjanijiet direzzjonali għall-iżvilupp tas-SER u ħolqot mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri bħala għajnuna għall-ilħuq tal-mira tas-SER b'mod kosteffettiv.

3 KUMM(2010) 639 finali tal-10 ta' Novembru 2010, "Enerġija 2020: Strateġija għal enerġija kompetittiva, sostenibbli u b'sigurtà".

4 COM(2006) 848 final tal-10 ta' Jannar 2007 "Il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli - L-Enerġija Rinnovabbli fis-seklu 21: il-bini ta' futur iżjed sostenibbli".

5 Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (id-"Direttiva SER") (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

## 05

L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li s-sehem tagħhom tas-SER ikun daqs jew akbar mit-trajettorji indikattivi għall-ilħuq tal-mira tas-SER għall-2020. Huma għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-progress lejn il-miri individwali tagħhom. Il-miżuri tas-SER għandhom jiġu introdotti b'mod kosteffettiv[6]. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport ta' progress dwar l-implimentazjoni tad-Direttiva SER[7].

## 06

Barra minn dan, ir-regoli finanzjarji tal-UE jistipulaw li l-prinċipju ta' kosteffettività għandu jkun determinant importanti tad-deċiżjonijiet dwar l-infiq pubbliku[8]. Minbarra hekk, il-Parlament Ewropew innota l-ħtieġa li jiġi identifikat l-aktar SER kosteffettiv u politiki kostottimali biex jitwettaq il-potenzjal tas-SER[9]. Skont ir-rapport ta' progress l-aktar reċenti tal-Kummissjoni[10] x'aktarx li l-mira tal-UE fir-rigward tas-SER għall-2020 inġenerali se tinqabeż, filwaqt li fl-2012 mhux l-Istati Membri kollha kienu qed jipprogressaw kif previst fl-ilħuq tal-miri nazzjonali vinkolanti tagħhom, ara l-***Anness I***. B'segwitu għall-Green Paper tagħha fl-2013, il-Kummissjoni stipulat kunsiderazzjonijiet inizjali għall-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-perjodu mill-2020 sal-2030, fejn ipproponiet mira vinkolanti tal-UE ta' 27 % għas-SER[11].

## Ostakoli għall-enerġija rinnovabbli

## 07

Minbarra fatturi esoġeni (bħall-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija jew l-aċċess għas-self) bosta ostakoli speċifiċi għas-settur ifixklu l-investimenti fis-SER madwar l-Unjoni kollha u għadhom ma ġewx eliminati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni[12]:

- Ostakoli istituzzjonali u legali, eż. l-prijorità mogħtija fil-livell tal-UE lil kwistjonijiet tal-enerġija mhjiex dejjem riflessa fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali fejn nuqqas ta' strateġiji tal-implimentazzjoni ċari u ta' flessibbiltà fl-amministrazzjonijiet rilevanti jew fis-sistemi legali nazzjonali kif ukoll oqfsa leġiżlattivi u kuntrattwali mhux ċari li jostakolaw il-promozzjoni tas-SER; proċeduri kumplessi ta' awtorizzazzjoni u ta' għoti ta' permessi għall-ippjanar, il-bini u l-operat ta' installazzjonijiet tas-SER flimkien ma' rekwiżiti ambjentali li jiskoraġġixxu lill-promoturi tal-proġetti milli joħorġu bi proposti fattibbli għal proġetti (nuqqas ta' sistema amministrattiva effettiva).
- Diffikultajiet fl-integrazzjoni tal-elettriku mis-SER fil-grilji ta' trasmissjoni jew ta' distribuzzjoni (problemi tekniċi, infrastruttura insuffiċjenti, prattiki diskriminatorji li ma jippermettux aċċess għall-grilji, distribuzzjoni tal-ispejjeż fost l-operaturi tal-grilji, il-gvern u l-promoturi tal-proġetti u nuqqas ta' kejl tal-ġenerazzjoni ta' enerġija)
- Sistemi mhux stabbli jew mhux prevedibbli ta' promozzjoni u ta' inċentiva u nuqqas ta' informazzjoni għall-fornituri, il-konsumaturi u dawk li jinstallaw, li jfixklu l-użu ta' teknoloġiji kosteffettivi.

6 Il-Preamboli (9) u (41) għad-Direttiva SER.

7 L-Artikolu 23(8)(c) tad-Direttiva SER.

8 L-Artikolu 18(1)(h) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

9 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013: Sfidi u opportunitajiet attwali għall-enerġija rinnovabbli fis-suq intern Ewropew tal-enerġija (2012/2259(INI)).

10 COM(2013) 175 final tas-27 ta' Marzu 2013 "Rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli".

11 COM(2013) 169 final tas-27 ta' Marzu 2013 "Green Paper 'Qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija sal-2030'". COM(2014) 15 final tat-22 ta' Jannar 2014 "A policy framework for climate and energy in the period from 2020 to 2030" (Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perjodu mill-2020 sal-2030).

12 Ara, per eżempju, COM(2012) 271 final tas-6 ta' Ġunju 2012 "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija", u r-rapporti ta' progress biennali tagħha tal-2010 u l-2012, KUMM(2011) 31 finali tal-31 ta' Jannar 2011 u COM(2013) 175 final tas-27 ta' Marzu 2013. Ara wkoll ir-rapporti mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija Ewropej fil-qasam tas-SER (il-Kunsill Ewropew għall-Enerġija Rinnovabbli (EREC) u l-organizzazzjonijiet membri tiegħu), partikolarment l-"Analysis of deviation and barriers, 2013 report" (Analiżi ta' devjazzjoni u ostakoli, Rapport tal-2013), mill-EREC, www.keepontrack.eu/publications.

## Appoġġ Finanzjarju għall-enerġija rinnovabbli mill-politika ta' Koeżjoni

**08**

L-istrumenti tal-politika ta' Koeżjoni - il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) — huma s-sors l-aktar importanti ta' finanzjament fost il-programmi tal-infiq tal-UE[13] għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Filwaqt li matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, EUR 600 miljun biss kienu appoġġaw proġetti f'dan is-settur, bejn wieħed u ieħor EUR 4,7 biljun ġew allokati għall-enerġija rinnovabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, li jirrifletti l-importanza ħafna ogħla li ngħatat lil dan il-qasam ta' politika (ara l-***Anness II*** għar-ripartizzjoni skont l-Istati Membri). Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-appoġġ taħt il-Politika ta' Koeżjoni għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju se jkompli jiżdied u jista' jilħaq mill-inqas EUR 27 biljun mill-FEŻR[14]. Appoġġ ulterjuri jista' jingħata wkoll permezz tal-Fond ta' Koeżjoni.

13 Programmi oħra tal-UE li jippromwovu s-SER fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kienu: il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru, il-Programm Enerġija Intelliġenti - Ewropa u l-Programm Qafas għar-Riċerka.

14 Ir-reġjuni se jkollhom jinvestu sehem minimu tar-riżorsi taħt il-FEŻR (20 % għal reġjuni aktar żviluppati, 15 % għal reġjuni ta' tranżizzjoni u 12 % għal reġjuni inqas żviluppati) biex jappoġġaw il-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi kollha, inklużi investimenti fl-enerġija rinnovabbli (l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289)).

**Kaxxa 1**

### Infiq taħt il-politika ta' Koeżjoni għas-SER — fatti ewlenin

- EUR 270,8 biljun — total tal-allokazzjonijiet taħt il-FEŻR/FK għall-2007–2013
- EUR 0,6 biljun — total tal-allokazzjonijiet taħt il-FEŻR / FK lis-SER għall-2000–2006
- EUR 4,7 biljun — total tal-allokazzjonijiet taħt il-FEŻR / FK lis-SER għall-2007–2013

mill-inqas EUR 27 biljun — allokazzjonijiet minimi stmati taħt il-FEŻR għall-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inklużi s-SER, għall-2014–2020. Aktar allokazzjonijiet jistgħu jsiru wkoll mill-Fond ta' Koeżjoni (in-nota 14 f'qiegħ il-paġna)

## Ġestjoni kondiviża

**09**
Fil-qafas tal-politika ta' Koeżjoni l-Istati Membri jabbozzaw il-programmi operazzjonali individwali, jistabbilixxu u joperaw is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom u joħorġu rapporti annwali ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Bara minn hekk, bħala parti mill-ġestjoni ta' kuljum, il-korpi nazzjonali jew reġjonali jagħżlu l-proġetti u huma responsabbli mill-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tagħhom.

**10**
L-awtoritajiet maniġerjali, il-korpi intermedji u l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni huma inkarigati mill-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali[15]. Il-finanzjament tal-proġetti huwa suġġett għal regoli u kundizzjonijiet stabbiliti parzjalment fil-livell tal-UE[16] u parzjalment fil-livell tal-Istati Membri (l-għażla tal-proġetti; il-valutazzjonijiet tal-kost, tal-benefiċċju u tal-qligħ tal-proġetti; kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali huma r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri).

**11**
Il-Kummissjoni toħroġ linji gwida għat-tfassil tal-programmi operazzjonali, tapprova l-programmi operazzjonali u tissorvelja l-istabbiliment u l-operat tas-sistemi fl-Istati Membri. B'mod partikolari, hija timmonitorja l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali essenzjalment permezz tar-rapporti ta' implimentazzjoni li tirċievi u permezz ta' parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ. Minbarra r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni speċifika dwar il-programmi u *data* dwar l-għażla tal-proġetti mill-awtoritajiet maniġerjali.

15 Sommarju tar-regoli għall-applikazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013, inklużi dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, jinsab fuq: http://europa.eu/legislation_summaries/regional_policy/management/g24241_en.htm

16 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



12

L-awditu fittex li jwieġeb il-mistoqsija dwar jekk il-proġetti taħt il-FEŻR u l-FK li investew fil-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli kinux kisbu riżultati tajbin. F'dan ir-rigward, ġew żviluppati bosta kriterji tal-awditjar (ara l-***Anness IV***) li kienu bbażati fuq sorsi u studji differenti, inklużi dawk mis-servizzi tal-Kummissjoni. Il-Qorti eżaminat jekk il-proġetti awditjati ġewx implimentati u wasslux outputs kif ippjanat u jekk laħqux il-miri tagħhom għall-ġenerazzjoni ta' enerġija. L-awditu analizza b'mod partikolari jekk il-fondi fil-programmi operazzjonali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kinux ġew allokati għal proġetti għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli li kienu magħżula skont prijoritajiet stabbiliti tajjeb, u li kienu kosteffettivi u maturi, b'objettivi razzjonali u sa liema punt dawn il-fondi kienu kkontribwixxew għall-ilħuq tal-mira tas-SER għall-2020.

13

Ir-riżultati tal-awditjar kienu derivati minn eżaminar ta' 24 proġett ikkompletat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli minn 9 Programmi Operazzjonali ffinanzjati permezz tal-FEŻR, jew tal-FK fl-Awstrija, il-Finlandja, Malta, il-Polonja u r-Renju Unit[17]. Il-proġetti kienu fis-setturi tal-enerġija mill-bijomassa, fotovoltajka (PV), termali solari u eolika[18]. L-***Anness III*** jippreżenta lista tal-proġetti SER li ġew awditjati.

17 Ibbażat fuq l-allokazzjoni ta' fondi għas-SER fil-programmi operazzjonali, intgħażlu dawn li ġejjin:

PO I - Investing in Competitiveness for a Better Qualityx of Life - 2007MT161PO001

PO Niederösterreich 2007-2013: Ziel Regionale Wettbewerbsfähigkeit & Beschäftigung / EFRE- 2007AT162PO001

PO Salzburg 2007-2013: Ziel Regionale Wettbewerbsfähigkeit & Beschäftigung / EFRE - 2007AT162PO006

PO Steiermark 2007-2013: Ziel Regionale Wettbewerbsfähigkeit & Beschäftigung / EFRE - 2007AT162PO007

PO Program Operacyjny Infrastruktura i Środowisko - 2007PL161PO002

PO Regionalny Program Operacyjny Województwa Lubelskiego - 2007PL161PO007

PO Alueellinen Kilpailukyky-ja työllisyystavoite; Länsi-Suomen EAKR-Toimenpideohjelma 2007-2013 - CCI2007FI162PO003

PO Wales tal-Punent u The Valleys ERDF Convergence programme - 2007UK161PO002

PO Wales tal-Lvant ERDF Regional competitiveness and Employment programme - 2007UK162PO012

18 Mill-24 proġett awditjat, 9 kienu għall-produzzjoni tal-elettriku minn turbini eoliċi ta' skala kbira jew mikro jew minn pannelli fotovoltajċi, 15-il proġett kienu relatati mal-produzzjoni ta' sħana mill-bijomassa jew il-ġenerazzjoni ta' ilma sħun minn kolletturi solari. Id-daqs tal-proġetti kien ivarja minn proġetti għal pannell solari uniku fuq skala ta' unità domestika għal park eoliku b'16-il turbina.

## Il-proġetti awditjati qed iwasslu outputs kif ippjanat...

### L-istampa kumplessiva hija waħda ta' proġetti ppjanati tajjeb li jwasslu outputs skont kif ippjanat

**14**
Il-proġetti SER li ġew awditjati kienu maturi biżżejjed u lesti biex jiġu implimentati meta ntgħażlu. Minkejja l-fażijiet preparatorji relattivament twal f'xi wħud mill-proġetti għall-bijomassa u l-enerġija eolika, il-permessi, il-liċenzji u l-pjanijiet tekniċi kritiċi ġeneralment kienu nkisbu qabel l-approvazzjoni tal-proġetti. Fejn applikabbli, ġie żgurat ukoll li l-installazzjonijiet kienu konnessi man-netwerks ta' trasmissjoni jew ta' distribuzzjoni jew li l-kuntratti kienu konklużi ma' għadd suffiċjenti ta' konsumaturi[19].

**15**
Ma kien hemm ebda spiża sinifikanti akbar milli ppjanat jew dewmien ta' żmien sinifikanti fil-proġetti. B'mod kumplessiv, il-proġetti SER li ġew awditjati kienu implimentati fli ħdan l-iskedi ta' żmien ippjanati jew b'telf ta' żmien relattivament żgħir (l-implimentazzjoni ttardjat b'aktar minn sitt xhur f'żewġ proġetti biss li minnhom każ wieħed kien dovut għall-perjodu ta' qtugħ għat-tiswija ta' impjant żgħir tas-sħana u l-enerġija kombinati). Ma seħħet ebda spiża sinifikanti akbar milli ppjanat matul l-implimentazzjoni. Il-***Kaxxa 2*** turi eżempji tal-proġetti SER li ġew awditjati.

**16**
Bl-eċċezzjoni ta' faċilità waħda tal-bijomassa[20], il-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni mis-SER ġew installati u kienu operazzjonali kif ippjanat. Ma kien hemm evidenti l-ebda riskju importanti għas-sostenibbiltà teknika tagħhom. Instabu ftit li xejn devjazzjonijiet mill-proposti inizjali għall-ippjanar tal-proġett u dawk approvati. Il-kapaċitajiet tal-proġetti, installati għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, kienu ġeneralment konformi mad-deċiżjonijiet ta' kofinanzjament. Il-faċilitajiet ilhom joperaw mingħajr problemi tekniċi serji jew problemi serji oħra minn mindu ġew ikkummissjonati. Kienu ftit biss l-unitajiet ta' ġenerazzjoni mill-proġetti awditjati li ma kinux fil-mod operazzjonali. L-operaturi kellhom kompetenzi u riżorsi suffiċjenti stabbiliti biex jiżguraw tħaddim bla xkiel u manutenzjoni regolari tal-installazzjonijiet tagħhom.

**Stampa 1**

**Dehra minn ġewwa tal-impjant tal-enerġija mill-bijomassa fi Bruck an der Mur, l-Awstrija (proġett installat u operazzjonali kif ippjanat)**



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

19 Pereżempju, l-approvazzjoni tal-proġetti għall-bijomassa li ġew awditjati fl-Awstrija kienet kundizzjonali fuq li jkun hemm għadd suffiċjenti ta' konsumaturi tal-enerġija termali prodotta.

20 Impjant wieħed tal-enerġija mill-bijomassa fl-Awstrija ddevja mill-pjan oriġinali peress li utilizza fondi tal-UE għall-estensjoni ta' netwerk tas-sħana minflok ma installa bojler ieħor skont il-pjan oriġinali. Din id-devjazzjoni kienet b'antiċipazzjoni ta' estensjoni tal-kapaċità ta' tisħin biex taqdi lil konsumaturi addizzjonali tas-sħana u għalhekk mhijiex nuqqas mill-aspett ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Stampa 2

## Laqx tal-injam f'delu tal-ħżin fl-impjant tal-enerġija mill-bijomassa fi Bruck an der Mur, l-Awstrija



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kaxxa 2

## Eżempji ta' proġetti SER awditjati u kkofinanzjati mill-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni – outputs

Għal aktar dettalji dwar l-outputs tal-proġetti ara l-***Anness III***.

### Bijomassa

Tliet impjanti ta' tisħin mill-bijomassa li ġew awditjati (kapaċità minn 3 MW sa 8 MW) b'linji ta' netwerks ta' tisħin distrettwali (ta' 0,6 sa 11 km) nbnew fl-Awstrija. L-impjanti kienu jipprovdu sħana u ilma sħun għal total ta' 266 konsumatur (individwali privati jew kumpaniji industrijali).

Tliet proġetti awditjati fil-Finlandja kienu relatati mal-kostruzzjoni ta' bojlers ġodda ta' laqx tal-injam jew ta' pelits tal-bijomassa (kapaċità minn 0,8 MW sa 2,5 MW). Dawn issostitwixxew bojlers antiki li kienu jaħdmu b'karburanti fossili (żejt tqil). Tnejn minn dawn il-proġetti kienu jinkludu wkoll il-kostruzzjoni tan-netwerk ta' tisħin distrettwali meħtieġa (0,6 u 3 km).

### Potenza eolika

Ħames parkijiet eoliċi b'firxa ta' kapaċitajiet ta' potenza minn 3,2 sa 38 MW inbnew fil-Polonja. Il-faċilitajiet jinkludu l-infrastrutturi kollha meħtieġa (substazzjonijiet ta' voltaġġ għoli/medju, konnessjonijiet mal-grilja tal-elettriku u toroq sekondarji ta' aċċess).

### Potenza solari (kolletturi PV u solari)

Żewġ proġetti installaw sistemi tal-elettriku PV b'sistemi assoċjati ta' hardwer u ta' monitoraġġ fuq binjiet pubbliċi f'Malta. Proġett wieħed kien ikkomplementat minn turbina eolika żgħira.

Ħames proġetti simili fil-Polonja installaw settijiet individwali ta' kolletturi solari bi pjanċi ċatti għal unitajiet domestiċi u bini pubbliku f'ħames muniċipalitajiet biex jipprovdu ilma sħun lir-residenti. B'kollox, aktar minn 3 000 benefiċjarju pubbliku u privat installaw kolletturi solari. Proġett wieħed kien jinkludi dwal tat-toroq u PV.

## … iżda qed jiltaqgħu ma’ xi diffikultajiet fl-impimentazzjoni

### Hemm lok għal titjib ulterjuri fl-istadji kollha tal-proġetti — mill-akkwist għall-operazzjonijiet u sal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

**17**

Diffikultajiet fl-integrazzjoni tal-elettriku mis-SER fil-grilja fixklu l-isfruttament tas-SER. Madwar l-UE kollha, l-iżvilupp tal-grilja ġie identifikat bħala wieħed mill-ostakoli ewlenin għall-integrazzjoni fuq skala kbira tal-elettriku mis-SER fil-grilji ta’ trasmissjoni u ta’ distribuzzjoni[21]. Għalhekk, jeħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jinvestu kemm f’netwerks nazzjonali kif ukoll f’konnessjonijiet transkonfinali bħala parti mill-bini tas-suq intern tal-enerġija. Il-proprjetarji tal-proġetti awditjati enfasizzaw li l-kapaċità żejda fil-grilji ma kinitx suffiċjenti[22], jeħtieġ li ssir espansjoni u modernizzazzjoni tal-grilji u li jekk ikun hemm trasparenza akbar dwar id-distribuzzjoni tal-ispejjeż fost l-operaturi tal-grilji, il-gvern u l-promoturi tal-proġetti, tista’ tittejjeb l-effiċjenza fis-sistemi kollha. Filwaqt li kienu biss ftit mill-proġetti awditjati li ltaqgħu ma’ problemi ta’ konnessjoni, l-użu tal-ġenerazzjoni mis-SER, madankollu, mhuwiex akkompanjat minn grilji mtejba fl-Istati Membri. Kwistjonijiet tekniċi u ta’ spejjeż issemmew spiss mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-operaturi tas-SER bħala impedimenti għal integrazzjoni effettiva tas-SER fil-grilji. Il-***Kaxxa 3*** turi problemi inkonnessjoni mal-elettriku mis-SER fil-grilji.

21 COM(2013) 175 final.

22 Ara wkoll id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 22). L-Artikolu 3(2)(f) jistipula li Stati Membri, fl-implimentazzjoni ta’ miżuri mmirati lejn is-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku, għandhom jieħdu kont tal-ħtieġa li tiġi żgurata kapaċità ta’ riżerva suffiċjenti ta’ trasmissjoni u ta’ ġenerazzjoni għall-operazzjoni stabbli.

**Stampa 3** Park eoliku f’Golice, il-Polonja



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kaxxa 3

## Aċċess għall-grilja tal-elettriku mis-SER fil-Polonja, integrazzjoni tal-elettriku minn fotovoltajku fil-grilja f'Malta

L-istat fqir u n-nuqqas ta' kapaċità żejda tal-grilji ta' trasmissjoni u distribuzzjoni kienu ostakoli ewlenin għall-integrazzjoni ulterjuri tal-elettriku mill-PV u mill-enerġija eolika fil-Polonja. Minbarra il-ħtieġa għall-espansjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-grilji, kumplikazzjonijiet fil-kisba tal-permessi meħtieġa għall-konnessjoni mal-grilji (problemi tekniċi u legali kif ukoll tariffi għall-konnessjoni mal-grilji) fixklu l-iżvilupp tas-SER[23]. Fil-proġetti għal enerġija eolika li ġew awditjati, iż-żmien għall-kostruzzjoni tal-faċilitajiet, inkluż dak għall-permessi meħtieġa għall-konnessjoni mal-grilji, kien minn erba' sa ħames snin.

Linji gwida ċari dwar permessi u awtorizzazzjonijiet tal-ippjanar, fejn meħtieġ, kienu disponibbli fir-rigward ta' installazzjonijiet solari u PV f'Malta. Madankollu, fl-2010 u l-2011 meta bosta proġetti kkofinanzjati mill-UE ġew kummissjonati, dawn spiss iltaqgħu ma' diffikultajiet bil-"feeding-in" tal-elettriku ġġenerat tagħhom — normalment l-elettriku li kien jeċċedi l-konsum proprju tal-produtturi. Peress li l-miters ma kinux ġew installati mill-operatur tal-grilji, il-produtturi baqgħu ma ġewx ikkumpensati għall-elettriku tagħhom mit-tariffa "feed-in" għal perjodi li wasslu sa erba' xhur.

23 L-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fil-grilja tal-elettriku u fis-suq tal-elettriku – Integrazzjoni tas-SER. Rapport nazzjonali: Il-Polonja. Eclareon, Oeko-Institut e.V., 20.12.2011.

**18**
Fl-analiżi tagħha tar-rapporti 2011 tal-Istati Membri dwar il-progress li sar fl-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni indikat li l-progress fit-tneħħija tal-ostakoli amministrattivi kien għadu miexi bil-mod, bi proċeduri kumplessi u skoraġġanti ta' awtorizzazzjoni u ta' għoti ta' permessi[24]. Hemm il-potenzjal għal titjib fl-Istati Membri fejn seħħ l-awditu. Pereżempju, l-awditu sab li Malta kienet daħlet għall-iżvilupp tas-SER matul il-perjodu 2007-2013 biss u għalhekk għadu ma żviluppax suq għas-SER sal-maturità. Sistema amministrattiva effettiva għadha ma żviluppatax b'mod sħiħ. Barra minn hekk, fil-Polonja u fir-Renju Unit kien hemm nuqqas parzjali ta' approċċi armonizzati, nazzjonali jew reġjonali, għall-koordinazzjoni tax-xogħol tal-awtoritajiet. Notevolment, il-kejl u r-rappurtar ta' riżultati tal-enerġija tal-proġetti kienu fqar u għalhekk id-*data* ma ntużatx għat-tqabbil ta' proġetti u ta' setturi differenti tas-SER bħala informazzjoni utli fit-tfassil ta' miżuri futuri.

24 SWD(2013) 102 final tas-27 ta' Marzu 2013, "Rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli".

19
Madankollu, instab eżempju ta' prattika tajba fl-Awstrija. Għodda għall-ġestjoni tal-kwalità għal impjanti ta' tisħin mill-bijomassa assigurat arranġamenti ta' monitoraġġ adatti f'dan l-Istat Membru ("QM Heizwerke", ara l-***Kaxxa 4***).

Kaxxa 4

## Monitoraġġ ta' proġetti fl-Awstrija

L-impjanti kollha ta' tisħin distrettwali mill-bijomassa li huma akbar minn 400 kW u/jew li jissupplixxu netwerk ta' tisħin akbar minn kilometru huma obbligati li jwettqu ġestjoni ta' kwalità biex takkumpanjahom. Il-koordinazzjoni tal-proċess ta' finanzjament u l-ġestjoni tad-*data* neċessarja tal-ippjanar u dik operattiva hija ffaċilitata permezz ta' database li tipprovdi pjattaforma standard għall-benefiċjarji tal-proġetti, kif ukoll *data* teknika u ekonomika għall-maniġers tal-kwalità u pjattaforma tal-IT għall-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet. Introdotta fl-2006, "QM Heizwerke" fiha *data* minn aktar minn 100 impjant tal-bijomassa.

Web link: www.qm-heizwerke.at

Stampa 4

## Awdituri jżuru l-impjant tal-enerġija mill-bijomassa f'Weissenbach an der Triesting, l-Awstrija




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**20**
Il-proċessi tal-akkwist ma żgurawx trasparenza, ġustizzja jew effiċjenza kompleti fl-għażla tal-kuntratturi:

- L-offerti kellhom jiġu kkanċellati f'żewġ proġetti tal-PV li ġew awditjati f'Malta peress li l-offerti kollha ma kinux konformi fl-aspett tekniku jew f'dak amministrattiv. Dan kien dovut għal rekwiżiti tekniċi li kienu għoljin bla meħtieġ jew għal proċeduri u rekwiżiti li kienu kumplessi żżejjed. Fiż-żewġ każijiet seħħ xi dewmien u l-kompetizzjoni fost l-offerenti ġiet imfixkla.

- F'żewġ proġetti fil-Polonja, il-mudelli tat-turbini eoliċi ġew speċifikati bla meħtieġ fi pjanijiet ta' kostruzzjoni jew permessi ta' kostruzzjoni. Dan ippreviena speċifikazzjonijiet tal-offerti li setgħu jiżguraw akkwist kompetittiv u l-aħjar proporzjonijiet bejn il-prezz u l-kwalità. Bl-istess kod, fi proġett ieħor, tip speċifiku ta' kollettur solari kien ġie ddeterminat minn qabel. F'kull waħda minn dawk l-offerti, offerta waħda biss minn dawk ippreżentati kienet tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

- Il-korpi inkarigati mill-implimentazzjoni u l-benefiċjarji tal-proġetti ma kellhomx kompetenzi suffiċjenti fir-rigward tat-teknoloġiji tas-SER, is-swieq tagħhom u l-oqfsa tal-akkwist. Bosta xogħlijiet ta' tagħmir u ta' installazzjoni tas-SER kienu ta' natura simili, xi kultant identika, u żgħar fid-daqs, speċjalment l-operazzjonijiet taħt l-iskemi ta' għotjiet. Għalhekk, kien hemm kundizzjonijiet għal akkwist ikkoordinat immaniġġjat minn unità speċjalizzata ta' esperti fil-livell nazzjonali/reġjonali għall-kisba ta' proporzjonijiet aħjar bejn il-prezz u l-kwalità, ekonomiji ta' skala kif ukoll perjodi iqsar ta' akkwist. Eżempji huma sistemi ta' tisħin tal-ilma fuq il-bjut, pannelli PV u bijomassa żgħira f'Malta u fil-Polonja. Kien hemm suspensjonijiet temporanji ta' proġetti f'Malta, parzjalment b'riżultat ta' organizzazzjoni mhux effiċjenti tal-akkwist.

**Stampa 5** **Impjant tal-enerġija mill-bijomassa fi Flachau, l-Awstrija**



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

21
It-tħejjija tal-proġetti SER ma kinitx suffiċjenti għal monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi. L-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fil-programmi operazzjonali kollha awditjati ma kinux preċiżi u ma kinux ibbażati fuq *data* ta' referenza affidabbli. Għalhekk, il-proġetti fl-istess setturi jew f'setturi differenti tas-SER ma setgħux jitqabblu, u l-awtoritajiet kompetenti lanqas ma setgħu jivverifikaw il-kontribut tal-fondi tal-UE għall-miri tal-UE u dawk nazzjonali fir-rigward tas-SER (ara wkoll il-paragrafu 30).

**... u r-riżultati mhumiex qed jitkejlu b'mod adatt jew il-proġetti mhumiex qed jilħqu l-miri tagħhom tal-ġenerazzjoni ta' enerġija fil-maġġoranza tal-każijiet**

### Il-ġbir u r-rappurtar tad-*data* tas-SER jistgħu jittejbu

22
Ebda *data* preċiża u vvalidata dwar ir-riżultati reali tal-proġetti SER ma hija disponibbli fl-Istati Membri. Is-settur tas-SER kien ikkaratterizzat minn volatilità enormi f'termini tal-ispejjeż tat-teknoloġiji (il-parti l-kbira tat-teknoloġiji raw tnaqqis massiv fil-prezzijiet) u prezzijiet tal-enerġija dejjem jiżdiedu. Huwa importanti li l-informazzjoni aġġornata dwar l-ispejjeż tat-teknoloġiji tas-SER tiġi analizzata sabiex jiġi stabbilit liema teknoloġiji jagħtu r-rendimenti l-aktar favorevoli fiċ-ċirkustanzi lokali speċifiċi u fil-livelli xierqa ta' appoġġ.

23
Madankollu, filwaqt li hemm *data* disponibbli dwar il-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni installati tal-proġetti, fi 11 minn 24 proġett awditjat ma kien hemm ebda *data* disponibbli jew *data* affidabbli dwar l-enerġija li fil-fatt ġiet iġġenerata. Peress li l-kejl u r-rappurtar fattwali ma kinux kundizzjonijiet għall-kofinanzjament pubbliku, ir-rapporti finali tal-proġetti pprovdew biss riżultati stmati u mhux imkejla — normalment ibbażati fuq parametri tekniċi tat-teknoloġiji tas-SER kif ipprovduti mill-manifatturi u s-sitwazzjonijiet lokali speċifiċi. Bosta produtturi tas-SER ma kejlux ir-rendimenti tagħhom tal-enerġija. Għalhekk, fi 11 minn 24 proġett awditjat (5 fil-Polonja - proġetti solari fir-reġjun ta' Lublin, 4 f'Malta u 2 fir-Renju Unit) ir-riżultati tal-enerġija ma kinux ibbażati fuq *data* mkejla / vvalidata iżda fuq valuri assunti minn dokumentazzjoni jew min stimi professjonali li saru mill-inġiniera.

### Ir-riżultati tal-proġetti mhux dejjem inkisbu

24
Fi 13 mill-24 proġett awditjat, li fihom ir-riżultati tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fil-fatt tkejlu, il-miri ntlaħqu f'5 proġetti biss, u kważi ntlaħqu fi 3 proġetti ulterjuri. Il-bqija tal-proġetti ma laħqux jew laħqu parzjalment biss il-miri ta' produzzjoni tagħhom. Filwaqt li f'bosta każijiet dan kien dovut għal previżjonijiet li ma kinux preċiżi biżżejjed, xi proġetti kienu wkoll iltaqgħu ma' problemi tekniċi fl-istadji inizjali tagħhom. It-***Tabella 1*** tqabbel il-proġetti SER ippjanati mal-ġenerazzjoni reali tal-enerġija.

25
Fil-qosor, l-evalwazzjoni tal-kosteffettività, l-implimentazzjoni u l-ilħuq ta' objettivi tal-24 proġett awditjat, irriżultat f'taħlita ta' proġetti tajbin, proġetti sodisfaċenti u proġetti fqar, kif stipulat fl-***Anness IV***. Il-***Kaxxa 5*** tindika r-raġunijiet għall-prestazzjoni dgħajfa f'xi proġetti SER.

Kaxxa 5

## Raġunijiet għall-prestazzjoni dgħajfa

Fl-Awstrija, il-ġenerazzjoni reali tal-enerġija kienet konformi ma' jew ogħla mill-previżjonijiet f'dawk l-istadji tal-proġetti li kienu direttament appoġġati minn fondi taħt il-FEŻR. Madankollu, f'żewġ proġetti li aktar tard ġew estiżi b'kapaċità addizzjonali ta' sħana u netwerks li kienu jaqdu klijenti addizzjonali, il-miri ppjanati ma ntlaħqux. Il-kawżi prinċipali kienu l-istimar eċċessiv tad-domanda għas-sħana jew in-nuqqas ta' konsum ta' sħana, temporanjament, minn klijenti kbar.

Ir-raġunijiet għal prestazzjoni aktar baxxa milli antiċipata fil-proġetti Pollakki għall-enerġija eolika kienu previżjonijiet ta' riħ ottimisti żżejjed u problemi tekniċi matul l-ewwel sena tal-operat.

Barra minn hekk, fir-Renju Unit, għalkemm id-*data* finali ma kinitx disponibbli u l-iskemi ta' għotjiet awditjati ma kinux ikkompletati fiż-żmien tal-awditu, ir-riżultati ta' sottoproġetti madankollu żvelaw li xi wħud minnhom ma laħqux il-miri tal-ġenerazzjonii tal-enerġija ppjanati tagħhom — prinċipalment minħabba kontenuti għoljin ta' ilma fil-materjali tal-bijomassa jew minħabba domanda aktar baxxa għall-enerġija milli stmata.

Tabella 1

## Tqabbil tal-medja tal-ġenerazzjoni tal-enerġija ppjanata u reali fil-proġetti SER li ġew awditjati mar-riżultati mkejla ta' ġenerazzjoni tal-enerġija, 2009-2012, f'%




*Sors:* Il-kalkoli proprji tal-Qorti bbażati fuq id-database "QM Heizwerke" (l-Awstrija), informazzjoni dwar il-medja tal-ispejjeż ta' investiment ta' proġetti simili (il-Finlandja u l-Polonja); ftehimiet ta' finanzjament ta' proġetti, informazzjoni dwar riżultati ta' proġetti kkalkulati mill-benefiċjarji.

## Il-prinċipju ta' kosteffet-tività ma jitqiesx bis-sħiħ fl-ippjanar tal-proġetti SER

### Kosteffettività — objettiv importanti fl-infiq tal-UE

**26**
Il-kosteffettività tikkonċerna l-abbiltà jew il-potenzjal li entità, attività, programm jew operazzjoni awditjata tikseb ċerti eżiti b'kost raġonevoli. L-analiżijiet tal-kosteffettività huma studji tar-relazzjoni bejn il-kost u l-eżiti ta' proġett, espressa bħala kost għal kull unità ta' eżitu miksub[25].

**27**
Ġenerazzjoni tal-enerġija mis-SER li tkun ottima (jew kosteffettiva) hija importanti għall-prestazzjoni ekonomika. Il-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni jikkostitwixxu parti sinifikanti mill-appoġġ għall-attivitajiet tas-SER u jistgħu jkunu motivatur importanti kemm tal-politika tas-SER kif ukoll tal-iżvilupp ekonomiku reġjonali.

25 ISSAI 3000: Standards u linji gwida għall-awditjar tal-prestazzjoni bbażati fuq l-Istandards tal-Awditjar tal-INTOSAI u fuq esperjenza prattika.

**Stampa 6** Mitħna (dehra minn barra u minn ġewwa ta' turbina eolika fil-Polonja)



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## Hemm lok għal enfasi fuq il-kosteffettività fi stadju bikri

**28**

F'konnessjoni mat-tħejjija tal-programmi operazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali ma wettqux analiżijiet adatti tal-ħtiġijiet biex jidentifikaw liema teknoloġiji jistgħu jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tas-SER bl-aktar mod kosteffettiv u kif dawn jistgħu jiġu kkumplementati b'istrumenti finanzjarji oħra jew skemi nazzjonali ta' appoġġ. B'riżultat ta' dan, il-programmi operazzjonali ma kienx fihom spjegazzjonijiet dwar kif il-fondi tal-UE setgħu jikkontribwixxu b'mod kosteffettiv għall-ilħuq tal-objettivi tas-SER.

**29**

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali ma ppjanawx il-kontributi tal-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni (jew tal-fondi nazzjonali) għall-ilħuq tal-miri tas-SER. Mill-programmi operazzjonali awditjati, dawk fl-Awstrija u fil-Finlandja ma stipulawx l-enerġija ppjanata u reali mis-SER li ġiet iġġenerata mill-miżuri appoġġati mill-FEŻR u mill-FK. Il-kapaċità installata mis-SER fil-ħames pajjiżi awditjati biex tintlaħaq il-mira tas-SER fl-2020 hija ta' 95 304 MW (ara t-***Tabella 2***). Ir-rapporti ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-awtoritajiet maniġerjali lill-Kummissjoni jiżvelaw li, sal-2012, 4 464 MW jew 4,7 % tal-kapaċità meħtieġa skont il-mira għall-2020 (jew 8,1 % fir-rigward tal-mira trajettorja għall-2013 fl-Istati Membri awditjati) kienet ikkontribwita permezz tal-proġetti taħt il-politika ta' Koeżjoni f'dawn il-pajjiżi. L-użu tal-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni għas-SER kien varjabbli fost l-Istati Membri. Kif jidher ukoll fit-***Tabella 2***, għal bosta Stati Membri ma hemm ebda *data* adegwata disponibbli għat-tqabbil tal-kisba tal-proġetti taħt il-politika ta' Koeżjoni fir-rigward tal-miri tas-SER. Dan in-nuqqas ta' *data* jimpedixxi l-istabbiliment ta' *data* ekonomika u enerġetika ta' referenza f'setturi differenti tas-SER u għal teknoloġiji differenti tas-SER.

Tabella 2

## Fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni 2007-2013 għas-SER u l-impatt tagħhom fuq l-ilħuq tal-miri tas-SER għall-2020 fl-Istati Membri

| PO | Fondi taħt il-FEŻR u l-FK allokati lis-SER (EUR)[1] | Kapaċità addizzjonali tas-SER b'riżultat ta' investimenti mill-FEŻR u l-FK (MW) | | Kapaċità addizzjonali tas-SER meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tas-SER għall-2020 (MW) | | Kontribut mill-FEŻR/FK għall-kapaċità totali tas-SER biex tinlaħaq il-mira tas-SER għall-2020 (f'%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ippjanata | Irrappurtata (tmiem l-2012) | sal-2013 | sal-2020 | |
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7 = 3:6) |
| L-Awstrija | 25 037 408 | 105 | 99 | 11 301 | 13 179 | 0,79 |
| Il-Belġju | 11 851 495 | Ebda *data* disponibbli | | 3 062 | 8 255 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Il-Bulgarija | 16 710 959 | Ebda *data* disponibbli | | 4 232 | 5 189 | |
| Ċipru | 9 520 000 | Ebda *data* disponibbli | | 190 | 584 | |
| Ir-Repubblika Ċeka | 397 759 730 | 131 | 12 | Ebda *data* disponibbli | | |
| Il-Ġermanja | 252 995 745 | 29 | 118 | 71 621 | 110 934 | 0,03 |
| Id-Danimarka | | Ebda *data* disponibbli | | 6 017 | 6 754 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| L-Estonja | | 0 | 6 | Ebda *data* disponibbli | | |
| Spanja | 160 152 052 | Ebda *data* disponibbli | | 49 722 | 69 844 | |
| Il-Finlandja | 20 682 247 | Ebda *data* disponibbli | | 24 690 | 33 420 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Franza | 363 591 135 | 1 161 307 | 1 833 445 | 39 628 | 62 167 | *Data* mhux ikkonfermata |
| Il-Greċja | 283 795 789 | 156 | 106 | 6 872 | 13 271 | 1,18 |
| L-Ungerija | 349 310 777 | 0 | 0 | 1 109 | 1 537 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| L-Irlanda | | Ebda *data* disponibbli | | 3 496 | 8 339 | |
| L-Italja | 775 717 953 | 5 215 | 2 893 | 32 524 | 43 823 | 11,9 |
| Il-Litwanja | 58 485 290 | 0 | 173 | 1 289 | 1 635 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Il-Lussemburgu | 1 767 056 | 5 000 | 11 000 | 179 | 347 | *Data* mhux ikkonfermata |
| Il-Latvja | 67 180 000 | 77 | 21 | 1 661 | 2 168 | 3,55 |
| Malta | 78 200 000 | Ebda *data* disponibbli | | 36 | 160 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 19 182 600 | Ebda *data* disponibbli | | 6 086 | 14 994 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Il-Polonja | 825 761 396 | 972 | 246 | 4 444 | 10 335 | 9,4 |
| Il-Portugall | 59 857 312 | 0 | 0 | 12 699 | 19 200 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Ir-Rumanija | 331 542 611 | 200 | 275 | 9 635 | 12 589 | 1,58 |
| L-Isvezja | 52 342 949 | 0 | 271 | 21 744 | 23 786 | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| Is-Slovenja | 54 186 553 | 355 | 120 | 1 258 | 1 693 | 21 |
| Is-Slovakkja | 90 252 216 | 98 | 72 | 2 144 | 2 746 | 3,57 |
| Ir-Renju Unit | 159 590 365 | 12 000 | 4 120 | 14 660 | 38 210 | 31,4 |
| Il-Kroazja | | Ebda *data* disponibbli | | | | *Data* mhux irrappurtata lill-Kummissjoni |
| SM awditjati | 1 109 271 416 | 13 077 | 4 464 | 55 131 | 95 304 | 13,72 |
| B'kollox | 4 665 401 221 | 1 185 643 | 1 852 975 | 318 998 | 505 159 | *Data* mhux ikkonfermata |

1 Allokazzjonijiet/output (EUR/MW) fost l-Istati Membri mhumiex komparabbli minħabba fin-natura differenti tal-investimenti (ġenerazzjoni tal-enerġija, promozzjoni tas-SER, netwerks, proġetti pilota, eċċ.).

*Sors:* Pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli (2010), Rapporti ta' implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali għall-2012.

**30**

Il-kosteffettività tal-miżuri f'setturi differenti tas-SER ma ġietx eżaminata u ma ddeterminatx il-baġits assenjati għas-SER taħt il-programmi operazzjonali awditjati filwaqt li kien hemm nuqqas ta' valutazzjoni adatta tal-ħtiġijiet u ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu:

- Meta l-programmi operazzjonali tfasslu fl-2007, kien hemm nuqqas ta' analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni (inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet f'setturi differenti tas-SER fir-reġjuni); b'mod partikolari, l-ispejjeż għal kull unità ta' kapaċità enerġetika installata jew l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni tal-enerġija għal kull unità ma kinux ġew stmati mill-awtoritajet nazzjonali, u b'hekk il-kostbenefiċċju / kosteffettività tal-miżuri ppjanati li jiġu ffinanzjati permezz ta' mezzi pubbliċi ġew traskurati;
- Minbarra dan, il-programmi operazzjonali ma ħadux vantaġġ mir-riżultati ta' jew mit-tagħlimiet meħuda minn programmi preċedenti tas-SER iffinanzjati minn riżorsi nazzjonali jew tal-UE;
- Ma ġiet ipprovduta ebda ġustifikazzjoni adegwata għall-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi għall-interventi ta' ġenerazzjoni mis-SER. Inġenerali, l-allokazzjonijiet tal-fondi kienu bbażati fuq stima approssimattiva tal-potenzjal reġjonali u l-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-fondi aktar milli fuq analiżi sistematika tas-sitwazzjoni reġjonali u tqabbil bejn l-alternattivi potenzjali f'dak li jirrigwarda t-tipi ta' SER jew ta' teknoloġiji tas-SER;
- Għalkemm l-awtoritajiet fil-Finlandja u fir-Renju Unit daħħlu xi adattamenti fil-programmi tagħhom matul iż-żmien mingħajr valutazzjonijiet formali, inġenerali, madankollu, ma twettqet ebda evalwazzjoni ta' nofs it-terminu jew valutazzjoni simili tal-miżuri 2007-2013, li setgħet għenet tiddirieġi mill-ġdid il-programmi tas-SER.

**31**

Barra minn hekk, il-programmi operazzjonali naqsu milli jistabbilixxu indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni adatti tal-kosteffettività tal-miżuri tas-SER li setgħu ffaċilitaw ukoll il-valutazzjoni tal-kontribut tal-fondi tal-UE għall-miri impenjati tas-SER (it-***Tabella 2***). Filwaqt li l-programmi operazzjonali fl-Awstrija, fil-Polonja u f'Malta kellhom indikaturi li jirreferu għall-kapaċità addizzjonali tas-SER, is-sett tal-indikaturi tar-riżultati fil-Finlandja ma kienx jinkludi indikaturi għall-ħolqien ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni, enerġija prodotta jew tnaqqis/evitar ta' emissjonijiet tas-$CO_2$, u fir-Renju Unit kien hemm ukoll nuqqas ta' indikatur tar-riżultati fir-rigward tal-ħolqien ta' kapaċità tas-SER. Dan ifisser li, f'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet maniġerjali u l-Kummissjoni ma kinux f'pożizzjoni li jwettqu monitoraġġ u evalwazzjoni *ex-post* adegwati tal-investimenti mill-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni fis-SER[26].

26 Ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni mill-Finlandja u mir-Renju Unit ma pprovdewx spjegazzjonijiet dwar ir-riżultati reali u l-kejl tagħhom u ma kienet twettqet ebda valutazzjoni tal-ostakoli, tal-potenzjal u tal-ħtiġijiet fis-setturi differenti tas-SER fir-reġjuni koperti mill-PO awditjati.

Stampa 7

## Impjant b'transformer f'park eoliku f'Golice, il-Polonja



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## … u hemm ukoll lok għal proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER li jkunu aktar kosteffettivi

**32**
It-tneħħija tal-ineffiċjenzi fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' proġetti SER se tagħti kontribut dirett għall-ilħuq tal-miri tal-UE u dawk nazzjonali fir-rigward tas-SER għall-2020. Iżda din tista' wkoll tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi tal-enerġija u tagħti spinta lill-ekonomija usa' wkoll.

**33**
Ir-riżultati tal-proġetti appoġġati mill-UE kienu jvarjaw f'termini tal-kosteffettività tagħhom. L-ispejjeż ta' investiment tat-teknoloġiji tas-SER ivarjaw ħafna u huma speċifiċi għas-sit. Ma hemm ebda teknoloġija unika fl-UE li hija l-aktar kosteffettiva fil-ġenerazzjoni mis-SER. Għalhekk, l-awditu qabbel biss spejjeż fi ħdan settur partikolari tas-SER fl-istess Stat Membru. Erba' proġetti awditjati kienu sinifikattivament aktar għaljin minn proġetti simili fl-istess Stat Membru (proġetti tal-bijomassa u PV, ara t-***Tabella 3***). Il-medja tal-ispejjeż ikkalkolati għall-kapaċità installata kienet tvarja minn EUR 0,16 miljun/MW għal EUR 1,8 miljun/MW fil-proġetti awditjati. Kif ikkalkulat mill-awtoritajiet nazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri fejn seħħ l-awditu, il-perjodi ta' rkupru tal-kost kienu jvarjaw minn sentejn sa 537 sena fil-proġetti awditjati. Investimenti li huma intensivi fil-kapital b'perjodi ta' rkupru tal-kost ta' aktar minn 100 sena ma jiksbux punt ta ekwilibriju li jkun raġonevoli ekonomikament. Dan jindika li l-appoġġ pubbliku ma kienx dejjem allokat lill-proġetti l-aktar kosteffettivi.

Tabella 3

## Kosteffettività tal-proġetti SER li ġew awditjati

Investiment f'1MW jew kWp, imqabbel mal-medja tal-ispiża ta' investiment fl-Istat Membru




*Sors:* Il-kalkoli proprji tal-Qorti bbażati fuq dokumentazzjoni tal-proġetti, analiżijiet mill-awtoritajiet maniġerjali[1].

1 *Nota għall-proġetti tal-FI:* Il-medja tal-ispejjeż ta' investiment għall-makkinarju u t-tagħmir tal-proġetti awditjati. Il-Proġett 5 jinkludi l-ispejjeż għall-pajpijiet fuq is-sit, il-Proġett 6 jinkludi l-bojler awżiljarju biss. Ma hemmx *data* disponibbli għall-proġetti ta' MT 23 u 24 (PV), tal-PL 16 sa 20 (enerġija solari) kif ukoll għall-UK 9 u 10 (bijomassa).

34
L-objettivi razzjonali tal-enerġija ġew stabbiliti parzjalment biss għall-proġetti SER. Il-proġetti kienu konformi mal-objettivi strateġiċi nazzjonali tas-SER. Kunċetti għall-provvista ta' karburanti kienu jeżistu fejn meħtieġa (proġetti għall-bijomassa fl-Awstrija, fil-Finlandja u fir-Renju Unit). Xi proġetti kienu ppreċeduti minn studji limitati li wrew il-vijabbiltà ekonomika u l-profittabbiltà tagħhom iżda ma saret ebda analiżi dwar l-aħjar tipi tas-SER u dawk l-aktar kosteffettivi u dwar l-aħjar soluzzjonijiet teknoloġiċi. Evalwazzjonijiet ta' interventi simili ma ġewx irreferuti u għalhekk ebda "tagħlima meħuda" ma ntużat fit-tħejjija tal-proġetti SER li ġew awditjati.

35
Madwar nofs biss tal-proġetti awditjati (13 minn 24) kellhom *data* li permezz tagħha seta' jiġi vverifikat l-iħuq tal-indikaturi f'termini ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li fil-fatt inkisbet (it-***Tabella 1*** u l-***Anness III***), ara wkoll il-paragrafu 24. Barra minn hekk, spiss id-*data* ta' referenza dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-enerġija, il-kwantitajiet ta' karburanti konvenzjonali użati mill-konsumaturi ma kinitx disponibbli qabel ma ġew stabbiliti l-objettivi u tfasslu l-proġetti (eż. programm operazzjonali tar-reġjun Lublin fil-Polonja). Konsegwentement, f'każijiet bħal dawn, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat jekk il-proġetti ffinanzjati fil-fatt iġġenerawx ir-riżultati ekonomiċi jew finanzjarji mistennija (eż. għall-kalkolu tal-perjodi ta' rkupru tal-kost).

36
Il-proċeduri tal-għażla ma ggarantixxewx proġetti kosteffettivi. Inġenerali, il-kriterji tal-għażla tal-proġetti, approvati mill-kumitati ta' monitoraġġ stabbiliti għal kull programm operazzjonali, ma kinux qed jippermettu lill-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni jidentifikaw il-proġetti SER li kienu l-aktar kosteffettivi. F'ħafna każijiet, il-ħolqien ta' kapaċità enerġetika, il-ġenerazzjoni reali tal-enerġija u l-investimenti neċessarji rilevanti ma ngħatawx ponderazzjoni bħala kriterji tal-għażla jew tal-għoti. Fi ftit każijiet, ma kien ġie żviluppat ebda kriterju tal-għażla speċifiku fir-rigward tal-ġenerazzjoni mis-SER iżda minflok intużaw kriterji tal-għażla li kienu universalment applikabbli għal bosta setturi koperti mill-programm operazzjonali[27].

37
F'xi każijiet ma kienx hemm kompetizzjoni suffiċjenti fost l-applikazzjonijiet għal proġetti. Fejn il-proġetti ġew identifikati permezz ta' sejħiet għal proposti ma tqisitx il-kosteffettività massima tal-applikazzjonijiet (perjodu ta' rkupru tal-kost, proporzjon bejn l-investiment u l-ġenerazzjoni ta' enerġija). Filwaqt li normalment l-applikazzjonijiet għal proġetti kellhom jissodisfaw kriterji minimi, il-proċessi ma setgħux jipprevienu l-issussidjar ta' proġetti li kienu ta' kwalità relattivament baxxa f'termini tar-riżultati tagħhom tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Daqs minimu determinat ta' investiment kellu r-riskju li applikazzjonijiet għal proġetti iżgħar — possibbilment b'parametri ekonomiċi aħjar — ma jitqisux.

27 Pereżempju:
- l-għażla ta' proġetti SER taħt il-programm operazzjonali "Infrastruttura u Ambjent" fil-Polonja kienet ibbażata fuq l-istess kriterji applikati f'setturi differenti, jiġifieri għal tipi mhux kumparabbli ta' proġetti SER;
- fil-Finlandja, l-applikazzjonijiet għal proġetti ma ġewx prijoritizzati u ntużaw biss il-perjodi stmati ta' rkupru tal-kost bħala kriterji ta' kosteffettività u ta' eliġibbiltà;
- f'Malta, il-kriterji tal-għażla kienu japplikaw għal bosta setturi koperti mill-programm operazzjonali iżda mhux speċifikament għas-settur tas-SER. Għalkemm kriterju wieħed ipprovda punteġġi fir-rigward tal-"kontribut tal-proġetti għal indikaturi lil hinn mill-minimu meħtieġ", il-kriterji tal-għażla ma kienu jinkludu ebda kriterju ta' kosteffettività jew ta' kostbenefiċċju għall-ġenerazzjoni mis-SER;
- fl-Awstrija, fil-programmi operazzjonali awditjati, ma tqisitx il-kosteffettività massima tal-applikazzjonijiet (perjodu ta' rkupru tal-kost, proporzjon bejn l-investiment u l-ġenerazzjoni ta' enerġija).

**38**
Min-naħa l-oħra, l-Awstrija, ir-Renju Unit u sa ċertu punt il-Finlandja kellhom kriterji tekniċi u ekonomiċi fir-regoli finanzjarji mmirati lejn il-prevenzjoni ta’ għażla ta’ proġetti ħaljin għall-bijomassa. Għalhekk kien hemm inqas riskju li jintgħażlu applikazzjonijiet li mhumiex effettivi. Minbarra dan, il-profittabbiltà tal-proġetti ittieħdet inkunsiderazzjoni billi proġetti li rendew aktar profitt irċevew inqas sussidji (il-***Kaxxa 6***). Tali adattament tal-livell ta’ kofinanzjament tal-proġetti ma kienx żgurat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra fejn seħħ l-awditu.

**39**
Ir-rati ta’ kofinanzjament mill-UE kienu jvarjaw bejn 2 % u 85 % fil-programmi operazzjonali, mingħajr ma dan kien iġġustifikat fid-dokumenti rilevanti. Il-prinċipju ta’ kofinanzjament jistqarr li parti mill-ispejjeż ta’ investiment ta’ proġett tiġġarrab mir-riċevitur finali ta’ għotja pubblika fejn id-dħul jew il-profittabbiltà fil-proġett għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Barra minn hekk, l-għan tal-għotja għandu jkun l-appoġġ ta’ azzjoni li altrimenti ma kinitx tkun tista’ tinbeda minħabba nuqqas fil-finanzjament jew nuqqas ta’ inċentiva ekonomika. Hemm kost tal-għażla; rati ta’ kofinanzjament għoljin naqqsu d-daqs jew l-għadd ta’ proġetti SER oħra li setgħu ġew appoġġati permezz ta’ fondi pubbliċi. Ma saret ebda rabta bejn ir-rata ta’ appoġġ u l-profittabbiltà jew il-ħtieġa li l-investituri jingħataw inċentiv biex iwettqu proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER. Rati ta’ kofinanzjament għoljin ħafna u mhux iġġustifikati (appoġġ finanzjarju pubbliku lil ammont ogħla milli meħtieġ biex proġett ikun finanzjarjament jew ekonomikament vijabbli) żiedu r-riskju ta’ deadweight — jiġifieri s-sostituzzjoni ta’ fondi privati, iżda wkoll ta’ fondi nazzjonali — u naqqsu l-għadd ta’ proġetti appoġġati għall-ġenerazzjoni mis-SER. Il-***Kaxxa 7*** turi każijiet ta’ kofinanzjament għoli.

Kaxxa 6

### Għażla tal-proġetti – każijiet fl-Awstrija, fil-Finlandja u fir-Renju Unit

Fl-Awstrija, waqt l-applikazzjoni għall-kofinanzjament, iridu jiġu ssodisfati ċerti kriterji tekniċi u ekonomiċi (densità tas-sħana għal kull metru lineari tal-pajp tat-tisħin distrettwali, effiċjenza tal-bojler u tat-tisħin distrettwali). B’riżultat ta’ dan, hemm ħafna inqas riskju li jiġu appoġġati proġetti li mhumiex effettivi.

Fil-Finlandja, il-kriterji ta’ eliġibbiltà u l-possibbiltà li ssir konsultazzjoni ma’ konsulent tal-enerġija għandhom l-għan li jeliminaw proġetti li ma jkunux kummerċjalment vijabbli: l-applikanti għal proġetti kienu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar il-perjodu ta’ rkupru tal-kost tal-proġett applikat, li ma għandux ikun inqas minn 3 snin (kummerċjalment profittabbli) u mhux itwal minn 12-il sena (mhux ekonomiku), mingħajr l-għajnuna pubblika.

Fir-Renju Unit, l-ispejjeż proposti tal-proġetti tqabblu mal-ispejjeż immirati bbażat fuq proġetti simili għall-bijomassa fil-passat.

Kaxxa 7

## Kofinanzjament pubbliku għoli – każijiet fil-Polonja u f'Malta

Fil-Polonja, l-iskemi għal PV u solari żgħar kienu allokati 85 % mill-fondi tal-UE, li permezz tagħhom is-sidien tal-proġetti individwali (unitajiet domestiċi) setgħu jirċievu sussidju sa 100 %. Il-parti l-kbira tal-parkijiet eoliċi rċevew il-massimu ta' appoġġ pubbliku – qrib is-70 % tat-total tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli jew EUR 10 miljun (erba' mill-ħames proġetti awditjati). Filwaqt li r-rati massimi ta' kofinanzjament ġew applikati fil-parti l-kbira tal-każijiet, madankollu dawn ma kinux modulati jew iġġustifikati bbażat fuq kunsiderazzjonijiet ta' kosteffettività fi kwalunkwe dokument ta' programmazzjoni. Erbgħa minn ħames benefiċjarji tal-proġetti tal-potenza eolika rrikonoxxew li setgħu implimentaw il-proġetti bi jew mingħajr għotjiet imnaqqsa u kien biħsiebhom jużaw l-għotjiet tal-UE għall-ħlas lura bikri ta' self.

Malta ddedikat parti kbira tal-finanzjament disponibbli mill-UE għall-appoġġ ta' installazzjonijiet tas-SER ta' istituzzjonijiet pubbliċi, u b'hekk ma kienx hemm użu suffiċjenti ta' sorsi ta' finanzjament privat. Bħala regola, l-UE ffinanzjat sa 85 % tal-ispejjeż ta' investiment f'dawk il-proġetti. Barra minn hekk, żewġ skemi kbar ta' għotjiet, għal unitajiet domestiċi privati u intrapriżi ffinanzjaw installazzjonijiet tas-SER b'rati ta' 50 % jew 60 % rispettivament.

**40**
Il-kalkoli tal-profittabbiltà ma sarux għal setturi jew teknoloġiji differenti tas-SER. Fl-ippjanar tal-programmi, ir-rati ta' kofinanzjament ma għamlux distinzjoni bejn is-setturi tas-SER, id-daqs u t-tipi ta' investimenti, sistemi oħra ta' promozzjoni / appoġġ fl-Istati Membri (tariffi "feed-in", primjums), il-profittabbiltà probabbli tal-investimenti u t-tip ta' teknoloġiji tas-SER użati.

Stampa 8

## Kolletturi solari mmuntati fuq il-bejt ta' dar familjali fil-Polonja



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## Fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni b'valur miżjud limitat tal-UE — il-proġetti SER ma tawx il-kontribut sħiħ tagħhom għall-objettivi tal-UE fil-qasam tal-enerġija

**41**
Fi ftit każijiet biss ġie dimostrat valur miżjud sinifikanti tal-UE. F'dawk il-proġetti l-kofinanzjament mill-FEŻR / FK iffaċilita l-finanzjament tal-kapital, il-kofinanzjament kien sors addizzjonali ta' investiment li ntlaqa' tajjeb u għalhekk ikkontribwixxa għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Għall-parkijiet eoliċi (akbar) kien ukoll ikkunsidrat bħala timbru ta' kwalità għall-istituzzjonijiet ta' finanzjament ta' partijiet terzi. Huwa ċar li f'pajjiżi b'penetrazzjoni baxxa tas-SER, li kellhom ftit li xejn programmi tas-SER u inqas esperjenza amministrattiva f'dan is-settur, il-fondi tal-UE kellhom aktar valur miżjud fis-sens li għenu jiżviluppaw żvilupp ekonomiku addizzjonali, iżidu l-kwalità tal-proġetti rilevanti kif ukoll, sa ċertu punt, billi aġixxew bħala katalist u għall-ingranaġġ ta' fondi oħra. Barra minn hekk, sa ċertu punt, kien hemm "valur operazzjonali miżjud" peress li l-proġetti tal-UE imponew ċerti obbligi fuq il-korpi inkarigati mill-implimentazzjoni li permezz tagħhom ġew assigurati xi effetti ta' tagħlim għall-organizzazzjonijiet involuti. Dawk l-effetti kienu enfasizzati notevolment mill-organizzazzjonijiet f'Malta, fil-Polonja u fir-Renju Unit.

**42**
Il-Qorti sabet ukoll li l-allokazzjonijiet għas-SER fi ħdan il-programmi operazzjonali fl-Awstrija u fil-Finlandja kienu suxxettibbli għal riskju li jissostitwixxu l-fondi nazzjonali. Tabilħaqq, f'dawn iż-żewġ pajjiżi l-FEŻR sempliċiment ikkumplementa l-mekkaniżmi ta' finanzjament nazzjonali / reġjonali eżistenti u fl-Awstrija l-appoġġ mill-UE kien prattikament integrat, mingħajr ma nbidel xejn aktar, fi skema ta' sussidju eżistenti għall-impjanti tal-bijomassa. L-Awstrija u l-Finlandja għandhom tradizzjoni twila fil-qasam tas-SER (speċjalment fl-oqsma tal-idroenerġija u l-bijomassa) u huwa diffiċli li jiġi vvalutat jekk il-fondi tal-UE kkontribwixxewx għal valur miżjud addizzjonali, partikolarment fir-rigward tal-innovazzjoni.

43
Fl-2012, il-Kummissjoni enfasizzat li l-Istati Membri u r-reġjuni jridu jiżguraw li l-finanzjament għas-SER jikkumplementa l-investiment privat, billi jagħtih appoġġ pjuttost milli jiddilwih[28]. Il-Qorti sabet li xi proġetti SER setgħu ġew implimentati mingħajr appoġġ pubbliku. Kien evidenti li applikanti għal bosta proġetti setgħu stabbilixxew l-installazzjonijiet tas-SER mingħajr għotjiet pubbliċi jew b'għotjiet pubbliċi iżgħar u b'hekk kienu jilliberaw il-flus għal miżuri addizzjonali tas-SER. Madankollu, id-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet xorta waħda kienu importanti fid-dawl ta' finanzjament għal proġetti bankabbli:

- Il-proġetti Awstrijaċi inkwistjoni kienu kollha approvati wara l-ikkompletar tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, li indika li s-sussidju ma kienx kundizzjoni għall-investiment.
- Erbgħa mill-ħames proġetti awditjati fil-Finlandja setgħu twettqu mingħajr sussidji (proġett wieħed biss ma kienx jiġi implimentat mingħajr appoġġ mill-fondi pubbliċi).
- Bosta sidien ta' proġetti għall-enerġija eolika qalu li kienu jwettqu l-proġetti tagħhom mingħajr sussidji pubbliċi peress li l-inċentiv ekonomiku mir-rendimenti eoliċi u ċ-"ċertifikati ekoloġiċi" kienu suffiċjenti. Tabilħaqq, bosta parkijiet eoliċi simili eżistenti kienu nbnew mingħajr ma kienu ssussidjati.

44
L-investimenti fis-SER kellhom biss effett limitat fuq il-bini ta' kapaċitajiet maniġerjali. Wieħed mill-effetti intenzjonati tal-valur miżjud tal-UE huwa t-titjib tal-kapaċitajiet amministrattivi jew maniġerjali fl-Istati Membri. Għalkemm diversi partijiet interessati f'Malta, fil-Polonja u fir-Renju Unit stqarru li kienu seħħew effetti ta' tagħlim imprezzabbli mill-proġetti tal-UE, inġenerali ma seta' jiġi dimostrat ebda kontribut profond għat-titjib fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-operat tal-proġetti. B'mod ġenerali, l-iskemi ta' għotjiet u l-proġetti SER individwali kienu mmaniġġjati b'fokus fuq kwistjonijiet ta' regolarità mingħajr ma indirizzaw ir-rekwiżiti ta' valur għall-flus. Fl-Awstrija u fil-Finlandja, il-kofinanzjament mill-UE kien sempliċiment magħmul parti mill-mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali mingħajr aspetti partikolari ta' innovazzjoni (ara wkoll il-paragrafu 42). L-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-proġetti ma kinitx disseminata f'dawn iż-żewġ Stati Membri jew fir-reġjuni tal-viċinat.

45
Il-proġetti SER spiss kienu qed joperaw f'ambjenti regolatorji fraġli. Għalkemm il-fondi tal-UE ddedikati għall-ġenerazzjoni mis-SER tabilħaqq ma kinux immirati lejn ir-riformar tal-oqfsa regolatorji, madankollu setgħu kienu l-kawża għal titjib fihom. L-oqfsa legali tas-SER f'ħafna Stati Membri ġarrbu bosta reviżjonijiet, inklużi bidliet retroattivi fis-sistemi ta' sussidju u promozzjoni. Il-proċeduri ta' għoti ta' permessi spiss huma kumplessi u skoraġġanti jew ma jiġux applikati b'mod konsistenti u, flimkien ma' inċertezza tas-suq u volatilità fil-prezzijiet tal-enerġija, jipperikolaw il-fiduċja tal-investitur fis-settur.

28 COM(2012) 663 final tal-15 ta' Novembru 2012 "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti".

46
Sar użu varjabbli iżda kumplessivament baxx tal-fondi ta' Koeżjoni għas-SER fl-Istati Membri. Għalkemm il-fondi tal-UE allokati għas-SER żdiedu minn EUR 0,6 biljun fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 għal EUR 4,7 biljun fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13, dan jirrappreżenta biss 1,7 % tat-total tal-infiq taħt il-FEŻR u l-FK. Meta mqabbla mal-ħtiġijiet enormi ta' investiment fis-settur biex tintlaħaq il-mira tal-UE fir-rigward tas-SER għall-2020 l-allokazzjoni ta' fondi tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kienet baxxa[29]. L-Istati Membri allokaw bejn 0 % (l-aktar valur baxx) u 10,7 % (l-ogħla valur) tat-total tal-fondi taħt il-FEŻR u l-FK. Saħansitra l-10 % allokati minn Malta għas-SER mhumiex sinifikanti għall-ilħuq tal-mira nazzjonali tagħha tas-SER ta' 10 % sal-2020, meta jitqies li l-pajjiż ma kellu prattikament ebda SER fl-2007 u kien kiseb inqas minn 2 % tas-SER fil-konsum finali tal-enerġija sal-2012 (ara l-***Anness I***). Mill-Istati Membri koperti mill-awditu, Malta kienet naqset milli tilħaq l-ewwel objettiv ta' nofs it-terminu u l-Awstrija, il-Finlandja u l-Polonja ma kinux wettqu t-traspożizzjoni tad-Direttiva SER fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sa tmiem Ottubru 2013 (id-data ta' skadenza kienet il-5 ta' Diċembru 2010).

47
L-użu tal-fondi allokati għas-SER sar bil-mod. Sa tmiem l-2012[30], l-assorbiment tal-fondi taħt il-FEŻR u l-FK disponibbli għas-SER għall-2007-2013 (58 % biss) kien ħafna aktar baxx mill-medja għat-total tal-fondi taħt il-FEŻR u l-FK (88 %) u aktar baxx ukoll minn dak għall-miżuri għall-effiċjenza enerġetika (84 %). Għalkemm il-fallimenti u l-ostakoli tas-suq huma ta' natura differenti f'dan is-settur, il-proġetti kkofinanzjati mill-UE fi kważi l-Istati Membri kollha kienu taħt il-ġestjoni tal-istess awtoritajiet maniġerjali, ara t-***Tabella 4***. Huwa ċar li, kumplessità relattivament għolja tal-proġetti SER u nuqqas ta' kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni tal-miżuri ta' investiment f'dan is-settur, kellhom impatt fuq ir-rati aktar baxxi ta' żborżament mill-FEŻR u l-FK. Għalhekk, b'mod kumplessiv, il-fondi ta' Koeżjoni kienu ta' sinifikat modest fl-ilħuq tal-mira tal-UE fir-rigward tas-SER.

29 SEC(2011) 131 final tal-31 ta' Jannar 2011.

30 L-ammonti allokati mill-awtoritajiet maniġerjali għal proġetti magħżula. L-aħħar *data* disponibbli hija minn tmiem l-2012.

Tabella 4

## Assorbiment ta' fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni għal proġetti SER fl-Istati Membri awditjati ("proġetti magħżula" kif kienu fi tmiem l-2012)

| Stat Membru tal-UE | Total tal-proġetti magħżula fir-rigward tal-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni (%) | Proġetti għall-Effiċjenza Enerġetika magħżula fir-rigward tal-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni (%) | Proġetti SER magħżula fir-rigward tal-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni (%) |
|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 75,6 | 287,3 | 50,6 |
| Il-Finlandja | 90,8 | 34,5 | 30,6 |
| Malta | 88,1 | 37,9 | 43,3 |
| Il-Polonja | 85,4 | 112,2 | 57,8 |
| Ir-Renju Unit | 84,7 | 73,6 | 49,9 |
| **Medja tal-Istati Membri kollha** | **87,7** | **84,5** | **58,0** |

*Sors:* Database tad-DĠ Politika Reġjonali SFC 2007.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**48**

B'mod kumplessiv, il-Qorti tikkonkludi li l-valur għall-flus tal-appoġġ mill-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni lil proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER kien limitat fl-għajnuna li ta għall-ilħuq tal-mira tal-UE fir-rigward tas-SER għall-2020.

**49**

Il-proġetti awditjati wasslu outputs kif ippjanat: Il-parti l-kbira tal-proġetti SER li ġew awditjati kienu maturi biżżejjed u lesti biex jiġu implimentati meta ntgħażlu, ma kien hemm ebda spiża importanti akbar milli ppjanat jew dewmien ta' żmien konsiderevoli fil-proġetti u, ġeneralment, il-kapaċitajiet għall-ġenerazzjoni mis-SER ġew installati kif ippjanat (il-paragrafi 14 sa 16).

**50**

Madankollu, il-Qorti sabet ukoll li kien hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni: B'mod partikolari fir-rigward ta' indikaturi tal-prestazzjoni, kejl u rappurtar ta' riżultati tal-proġetti kif ukoll proċeduri tal-akkwist u eżiti. Inġenerali, id-diffikultajiet biex l-elettriku mis-SER jiġi integrat fil-grilji ġew identifikati bħala impediment serju għall-iżvilupp tas-SER fl-UE (il-paragrafi 17 sa 21).

**51**

Barra minn hekk, il-miri għall-ġenerazzjoni tal-enerġija ma ntlaħqux jew ir-riżultati ma tkejlux b'mod adatt f'madwar żewġ terzi tal-proġetti SER li ġew awditjati. Fil-parti l-kbira ta' dawn il-każijiet, kien hemm disponibbli *data* insuffiċjenti jew mhux imkejla dwar l-enerġija li fil-fatt ġiet iġġenerata. In-nuqqas ta' kisba tar-riżultati ppjanati kien dovut, fil-parti l-kbira, għal previżjonijiet impreċiżi jew għal problemi tekniċi. B'mod kumplessiv, l-eżiti tal-proġetti kienu mħallta (il-paragrafi 22 sa 25).

**52**

Barra minn hekk, il-kosteffettività ma kinitx il-prinċipju ta' gwida fl-ippjanar tal-proġetti. Il-programmi operazzjonali ta' bażi tfasslu mingħajr prijoritizzazzjoni tas-setturi tas-SER u mingħajr valutazzjonijiet tal-kontributi tal-fondi għall-objettivi tas-SER. Inġenerali, l-allokazzjonijiet tal-fondi kienu bbażati fuq stima approssimattiva tal-potenzjal reġjonali u l-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-fondi aktar milli fuq analiżi sistematika tas-sitwazzjoni reġjonali u tqabbil bejn l-alternattivi potenzjali f'termini ta' tipi ta' SER jew ta' teknoloġiji tas-SER. Il-kosteffettività tal-miżuri ġiet traskurata meta dawn ġew allokati l-baġits. L-objettivi razzjonali tal-enerġija u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-ġenerazzjoni tal-enerġija ma kinux ġew stabbiliti tajjeb fil-proġetti kollha. Il-kriterji u l-proċeduri tal-għażla spiss ma kinux iwasslu għall-għażla tal-proġetti SER li kienu l-aktar kosteffettivi. Ir-riżultati tal-proġetti kienu mħallta fir-rigward tal-kosteffettività billi f'xi Stati Membri r-rati ta' kofinanzjament għoljin ma kinux iġġustifikati fid-dokumenti fir-rigward tal-profittabbiltà tal-proġetti (il-paragrafi 26 sa 40).

**53**

L-awditu sab ukoll li l-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni għas-SER kellhom valur miżjud tal-UE limitat. Kien hemm riskju ta' sostituzzjoni ta' finanzjament pubbliku f'dawk l-Istati Membri li sempliċiment użaw il-fondi tal-UE biex jikkumplementaw l-għotjiet nazzjonali tagħhom għas-SER kif ukoll riskju ta' deadweight. Filwaqt li l-kofinanzjament mill-UE kellu xi "valur operazzjonali miżjud", madankollu l-proġetti ta' investiment ma għenux fil-bini ta' kapaċitajiet maniġerjali b'mod sinifikanti. B'mod kumplessiv, l-użu tal-FEŻR u l-FK għas-SER kien modest fir-rigward tal-ħtieġa għal sforzi akbar biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE (il-paragrafi 41 sa 47).

**54**
Il-Qorti tenfasizza l-ħtieġa għal titjib jekk il-finanzjament taħt il-politika ta' Koeżjoni għandu jagħti l-ogħla kontribut possibbli għall-ilħuq tal-miri tal-enerġija[31]. Barra minn hekk, inġenerali, l-infiq taħt il-politika ta' Koeżjoni jwassal benefiċċji għall-ekonomija usa', inklużi t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi li huma l-miri komprensivi tal-politika ta' Koeżjoni. Bil-ħsieb ta' użu x'aktarx imsaħħaħ tal-fondi tal-UE għall-promozzjoni tas-SER fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-Qorti tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

## Rakkomandazzjoni 1

Permezz tal-istabbiliment ta' gwida għat-tħejjija u l-għażla ta' programmi u ta' proġetti kif ukoll permezz ta' kundizzjonijiet biex il-finanzjament isir disponibbli għal investimenti għall-ġenerazzjoni mis-SER, il-Kummissjoni għandha:

- tiżgura li l-programmi futuri tas-SER ikkofinanzjati taħt il-politika ta' Koeżjoni jkunu gwidati mill-prinċipju ta' kosteffettività, inkluż l-appoġġ ta' finanzjament mill-UE għal programmi kosteffettivi li altrimenti ma jseħħux, sabiex jiġi evitat deadweight. Il-programmi jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni adatta tal-ħtiġijiet, prijoritizzazzjoni tat-teknoloġiji l-aktar kosteffettivi (filwaqt li ma ssirx diskriminazzjoni bejn is-setturi tas-SER) u kontribut ottimu għall-mira tal-UE għall-2020. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti objettivi adegwati għall-ġenerazzjoni mis-SER fir-rigward tal-baġit kif ukoll kriterji tal-għażla tal-proġetti b'fokus fuq il-kosteffettività tar-riżultati ta' ġenerazzjoni tal-enerġija (bl-evitar tal-kumpens eċċessiv tal-proġetti);
- tippromwovi l-istabbiliment ta' qafas regolatorju stabbli u prevedibbli għas-SER inġenerali mill-Istati Membri, flimkien ma' proċeduri li jimxu aktar ħarir għall-integrazzjoni tal-elettriku mis-SER fin-netwerks tal-grilji.

## Rakkomandazzjoni 2

Ibbażat fuq gwida mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw kriterji minimi ta' kosteffettività li jkunu adattati għaċ-ċirkostanzi tal-proġetti. Għandhom ukoll isaħħu l-valur miżjud tal-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni billi jtejbu l-implimentazzjoni kif ukoll il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti SER u billi jibnu ħażna ta' *data* mkejla dwar l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fis-setturi rilevanti kollha tas-SER.

31 Fi ħdan dan il-qasam ta' politika, il-Qorti ppubblikat rapport dwar il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika kkofinanzjati mill-FEŻR u l-FK (ir-Rapport Speċjali Nru 21/2012 "Il-Kosteffettività tal-Investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fl-Effiċjenza Enerġetika" (https://eca.europa.eu)). L-awditu analizza l-kosteffettività tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika taħt il-politika ta' koeżjoni, b'fokus speċifiku fuq ir-rwol ta' ġestjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-approvazzjoni minnha ta' programmi operazzjonali u l-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-programm fir-reġjuni.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Henri GRETHEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-9 ta' April 2014.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

Anness I

## Ħarsa ġenerali lejn il-progress tal-Istati Membri lejn il-mira tas-SER għall-2020

| Stat Membru | sehem tas-SER fl-2010[1] | l-ewwel mira interim[2] | sehem tas-SER fl-2010[3] | mira tas-SER għall-2020[4] |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 5,0 % | 4,4 % | 6,8 % | 13 % |
| Il-Bulgarija | 14,4 % | 10,7 % | 16,3 % | 16 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 9,3 % | 7,5 % | 11,2 % | 13 % |
| Id-Danimarka | 22,6 % | 19,6 % | 26,0 % | 30 % |
| Il-Ġermanja | 10,7 % | 8,2 % | 12,4 % | 18 % |
| L-Estonja | 24,7 % | 19,4 % | 25,2 % | 25 % |
| L-Irlanda | 5,6 % | 5,7 % | 7,2 % | 16 % |
| Il-Greċja | 9,7 % | 9,1 % | 15,1 % | 18 % |
| Spanja | 13,8 % | 10,9 % | 14,3 % | 20 % |
| Franza | 12,7 % | 12,8 % | 13,4 % | 23 % |
| L-Italja | 10,6 % | 7,6 % | 13,5 % | 17 % |
| Ċipru | 6,0 % | 4,9 % | 6,8 % | 13 % |
| Il-Latvja | 32,5 % | 34,0 % | 35,8 % | 40 % |
| Il-Litwanja | 19,8 % | 16,6 % | 21,7 % | 23 % |
| Il-Lussemburgu | 2,9 % | 2,9 % | 3,1 % | 11 % |
| L-Ungerija | 8,6 % | 6,0 % | 9,6 % | 13 % |
| Malta | 0,4 % | 2,0 % | 1,4 % | 10 % |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 3,7 % | 4,7 % | 4,5 % | 14 % |
| L-Awstrija | 30,8 % | 25,4 % | 32,1 % | 34 % |
| Il-Polonja | 9,3 % | 8,8 % | 11,0 % | 15 % |
| Il-Portugall | 24,2 % | 22,6 % | 24,6 % | 31 % |
| Ir-Rumanija | 23,2 % | 19,0 % | 22,9 % | 24 % |
| Is-Slovenja | 19,2 % | 17,8 % | 20,2 % | 25 % |
| Is-Slovakkja | 9,0 % | 8,2 % | 10,4 % | 14 % |
| Il-Finlandja | 32,4 % | 30,4 % | 34,3 % | 38 % |
| L-Isvezja | 47,2 % | 41,6 % | 51,0 % | 49 % |
| Ir-Renju Unit | 3,3 % | 4,0 % | 4,2 % | 15 % |
| L-UE | 12,5 % | 10,7 % | 14,1 % | 20 % |

Ilħuq tal-mira tas-SER għall-2020 skont informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni:

1 *Sors:* EUROSTAT, l-10 ta' Marzu 2014. Sehem reali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (f'% tal-konsum finali gross tal-enerġija) fl-2012 (li jipprovdi wkoll data għall-2010).

2 *Sors:* Rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli (Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2013) 175 final, 27.3.2013). L-ewwel mira interim, ikkalkulata bħala l-medja tal-ishma fl-2011/2012.

3 *Sors:* ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna, ta' hawn fuq.

4 *Sors:* Id-Direttiva 2009/28/KE.

## Allokazzjoni ta' fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni (FEŻR u FK 2007-2013) għal proġetti SER u proġetti magħżula 2007-2012

| Stat Membru | Ammont deċiż u allokat mill-UE | | | Proġetti magħżula | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Total tal-ammont mill-FEŻR u l-FK (EUR) (A) | Allokat għall-ammont tas-SER (EUR) (B) | % tat-total tal-fondi għas-SER (C) | Total tal-Ammont mill-UE għall-proġetti magħżula (EUR) (D) | % tal-proġetti magħżula (D) / (B)*[1] |
| Il-Belġju | 990 283 172 | 11 851 495 | 1,2 % | 7 242 095 | 61,1 % |
| Il-Bulgarija | 5 488 168 381 | 16 710 959 | 0,3 % | 4 226 413 | 25,3 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 22 751 854 293 | 397 759 730 | 1,7 % | 131 059 678 | 32,9 % |
| Id-Danimarka | 254 788 620 | | | | |
| Il-Ġermanja | 16 107 313 706 | 252 995 745 | 1,6 % | 119 319 102 | 47,2 % |
| L-Estonja | 3 011 942 552 | | | | |
| L-Irlanda | 375 362 372 | | | | |
| Il-Greċja | 15 846 461 042 | 283 795 789 | 1,8 % | 392 484 152 | 138,3 % |
| Spanja | 26 595 884 632 | 160 152 052 | 0,6 % | 71 145 156 | 44,4 % |
| Franza | 8 054 673 061 | 363 591 135 | 4,5 % | 245 249 934 | 67,5 % |
| Il-Kroazja | 705 861 911 | | | | |
| L-Italja | 21 025 331 585 | 775 717 953 | 3,7 % | 397 058 482 | 51,2 % |
| Ċipru | 492 665 838 | 9 520 000 | 1,9 % | 5 191 095 | 54,5 % |
| Il-Latvja | 3 947 343 917 | 67 180 000 | 1,7 % | | |
| Il-Litwanja | 5 747 186 096 | 58 485 290 | 1,0 % | 67 554 207 | 115,5 % |
| Il-Lussemburgu | 25 243 666 | 1 767 056 | 7,0 % | 4 875 000 | 275,9 % |
| L-Ungerija | 21 292 060 049 | 349 310 777 | 1,6 % | 179 983 308 | 51,5 % |
| Malta | 728 123 051 | 78 200 000 | 10,7 % | 33 879 548 | 43,3 % |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 830 000 000 | 19 182 600 | 2,3 % | 22 345 138 | 116,5 % |
| L-Awstrija | 680 066 021 | 25 037 408 | 3,7 % | 12 676 799 | 50,6 % |
| Il-Polonja | 57 178 151 307 | 825 761 396 | 1,4 % | 477 355 029 | 57,8 % |
| Il-Portugall | 14 558 172 647 | 59 857 312 | 0,4 % | 5 006 939 | 8,4 % |
| Ir-Rumanija | 15 528 889 094 | 331 542 611 | 2,1 % | 209 940 000 | 63,3 % |
| Is-Slovenja | 3 345 349 266 | 54 186 553 | 1,6 % | 14 408 713 | 26,6 % |
| Is-Slovakkja | 9 998 728 328 | 90 252 216 | 0,9 % | 66 524 170 | 73,7 % |
| Il-Finlandja | 977 401 980 | 20 682 247 | 2,1 % | 6 329 763 | 30,6 % |
| L-Isvezja | 934 540 730 | 52 342 949 | 5,6 % | 8 772 042 | 16,8 % |
| Ir-Renju Unit | 5 392 019 735 | 159 590 365 | 3,0 % | 74 770 872 | 46,9 % |
| Transkonfinali | 7 893 300 818 | 199 927 583 | 2,5 % | 148 745 005 | 74,4 % |
| **UE27 + transkonfinali** | **270 757 167 870** | **4 665 401 221** | **1,7 %** | **2 706 142 640** | **58,0 %** |

1 Rata tal-għażla ogħla minn 100 % tfisser li l-fondi ġew riallokati minn prijoritajiet jew miżuri oħra fi ħdan l-istess Programm Operazzjonali jew minn Programm Operazzjonali ieħor.

*Sors:* Database tad-DĠ Politika Reġjonali SFC2007, Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni għal proġetti magħżula.

## Anness III

### Lista ta’ proġetti għall-ġenerazzjoni mis-SER li ġew awditjati

| Nru tal-Proġett | Stat Membru | Programm operazzjonali | Intervent | Mod ta’ implimentazzjoni | Baġit għall-proġett (miljun EUR) | Li minnhom kofinanzjament | | Kapaċità addizzjonali tas-SER installata (ippjanata/ reali) MW jew kWp/a | Investimenti fil-proġetti awditjati (miljun EUR/MW jew EUR/kWp/a) | Medja tal-enerġija ġġenerata (ippjanata/ reali) MWh/a |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nazzjonali (miljun EUR) | FEŻR / FK (miljun EUR) | | | |
| Proġett 1 | AT | L-Awstrija t’Isfel | Kostruzzjoni ta’ impjant tal-bijomassa f’Weissenbach an der Tristing | Proġett awtonomu | 0,745 | 0,117 | 0,117 | 3 / 3 MW | 0,517 | 2 440 / 2 319 MWh/a |
| Proġett 2 | | Steiermark | Kostruzzjoni ta’ impjant tal-bijomassa u ta’ netwerk ta’ tisħin distrettwali fi Bruck an der Mur | Proġett awtonomu | 5,658 | 0,871 | 0,882 | 8 / 8 MW | 0,488 | 18 659 / 12 263 MWh/a |
| Proġett 3 | | Salzburg | Kostruzzjoni ta’ impjant tal-bijomassa u ta’ netwerk ta’ tisħin distrettwali f’Flachau | Proġett awtonomu | 5,667 | 0,886 | 0,885 | 6 / 4 MW | 1,027 | 24 009 / 23 026 MWh/a |
| Proġett 4 | FI | Länsi-Suomen | Kostruzzjoni ta’ bojler ġdid tal-pelits tal-bijomassa li ssostitwixxa tliet bojlers tal-karburanti fossili u pipeline f’Lievestuore | Proġett awtonomu | 0,405 | 0,017 | 0,011 | 1 / 1 MW | 0,252 | 4 136 / 5 215 MWh/a |
| Proġett 5 | | Länsi-Suomen | Kostruzzjoni ta’ bojler tal-laqx tal-injam li ssostitwixxa bojler tal-karburanti fossili u modifika ta’ netwerk ta’ tisħin distrettwali fis-sit industrijali ta’ Kyyjärvi | Proġett awtonomu | 0,711 | 0,085 | 0,056 | 1 / 1 MW | 0,415 | 2 500 / 2 394 MWh/a |
| Proġett 6 | | Länsi-Suomen | Kostruzzjoni ta’ bojler ġdid tal-pelits tal-bijomassa li ssostitwixxa bojler tal-karburanti fossili fis-sit ta’ Tikkakoski | Proġett awtonomu | 0,388 | 0,022 | 0,009 | 2,5 / 2,5 MW | 0,127 | 4 000 / 7 500 MWh/a |
| Proġett 7 | | Länsi-Suomen | Kostruzzjoni ta’ bojler ġdid tal-pelits tal-bijomassa li ssostitwixxa bojler tal-karburanti fossili u netwerk ta’ tisħin distrettwali meħtieġ f’faċilità ta’ ħżin ikkonvertita fi Kiukainen. | Proġett awtonomu | 0,324 | 0,029 | 0,02 | 1 / 1 MW | 0,270 | 2 800 / 4 000 MWh/a |
| Proġett 8 | | Länsi-Suomen | Kostruzzjoni ta’ bojler ġdid tal-pelits tal-bijomassa li ssostitwixxa bojler tal-karburanti fossili f’Eura | Proġett awtonomu | 0,447 | 0,054 | 0,036 | 0,8 / 0,8 MW | 0,3 | 1 140 / 1 500 MWh/a |

## Anness III

| Nru tal-Proġett | Stat Mem-bru | Programm operazzjonali | Intervent | Mod ta' implimen-tazzjoni | Baġit għall-proġett (miljun EUR) | Li minnhom kofinanzjament | | Kapaċità addizzjon-ali tas-SER installata (ippjanata/ eali) MW jew kWp/a | Inves-timenti fil-proġetti awditjati (miljun EUR/MW jew EUR/ kWp/a) | Medja tal-enerġija ġġenerata (ippjanata/ reali) MWh/a |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nazzjonali (miljun EUR) | FEŻR / FK (miljun EUR) | | | |
| Proġett 9 | UK | Wales tal-Lvant (Kompetittività) | Skema ta' Negozju għall Enerġija mill-Injam 2 (80085) | Skema tal-għotja | 0,2 | 0 | 0,07 | 6 MW /Mhux ipprovduta | MA | 2 700 MWh / Għadha mhix disponibbli |
| Proġett 10 | | Wales tal-Punent u the Valleys (Konverġenza) | Skema ta' Negozju għall Enerġija mill-Injam 2 (80028) | Skema ta' finazjament | 1,2 | 0 | 0,49 | 2,6 MW / Mhux ipprovduta | MA | 5300 MWh/ Għadha mhix disponibbli |
| Proġett 11 | PL | Infrastruttura u Ambjent | Kostruzzjoni ta' park eoliku fid-distrett II ta' Margonin tal-Lvant | Proġett awtonomu | 29,209 | 11,81 | 5,906 | 20 / 20 MW | 1,460 | 46 735 / 47 288 MWh/a |
| Proġett 12 | | Infrastruttura u Ambjent | Kostruzzjoni ta' tliet turbini eoliċi fi Stypolow, il-muniċipalità ta' Kozuchow | Proġett awtonomu | 7,584 | 1,85 | 4,315 | 4,5 / 4,5 MW | 1,685 | 14 153 / 10 074 MWh/a |
| Proġett 13 | | Infrastruttura u Ambjent | Kostruzzjoni ta' park eoliku Jarogniew-Mołtowo | Proġett awtonomu | 30,179 | 15,35 | 10,0 | 20 / 20 MW | 1,562 | 59 211 / 47 825 MWh/a |
| Proġett 14 | | Infrastruttura u Ambjent | Kostruzzjoni ta' park eoliku fiż-żona ta' Golice | Proġett awtonomu | 55,75 | 35,41 | 10,0 | 38 / 38 MW | 1,467 | 80 332 / 57 393 MWh/a |
| Proġett 15 | | Infrastruttura u Ambjent | Kostruzzjoni ta' erba' impjanti eoliċi fil-Komun ta' Pluznica | Proġett awtonomu | 5,914 | 1,51 | 3,365 | 3,2 / 3,2 MW | 1,848 | 8 286 / 7 381 MWh/a |
| Proġett 16 | | Lubelskie | Installazzjoni ta' kolletturi solari fuq binjiet pubbliċi u residenzjali fil-Komun ta' Kłoczew | Proġett awtonomu | 1,659 | 0,24 | 1,41 | 2,82 / 2,82 MW | 0,528 | 1 502 MWh/a / Mhux ipprovduta |
| Proġett 17 | | Lubelskie | Installazzjoni ta' kolletturi solari fuq binjiet pubbliċi u residenzjali fil-Komun ta' Kraśnik | Proġett awtonomu | 1,096 | 0,14 | 0,931 | 1,55 / 1,55 MW | 0,588 | 972 MWh/a / Mhux ipprovduta |
| Proġett 18 | | Lubelskie | Installazzjoni ta' kolletturi solari fuq binjiet pubbliċi u residenzjali fil-Komun ta' Potok Górny | Proġett awtonomu | 1,866 | 0,27 | 1,53 | 3,46 / 3,61 MW | 0,415 | 1 974 MWh/a / Mhux ipprovduta |
| Proġett 19 | | Lubelskie | Installazzjoni ta' kolletturi solari fuq binjiet pubbliċi u residenzjali fil-Komun ta' Ruda-Huta | Proġett awtonomu | 1,188 | 0,17 | 1,010 | 1,89 / 1,89 MW | 0,519 | 990 MWh/a / Mhux ipprovduta |
| Proġett 20 | | Lubelskie | Installazzjoni ta' kolletturi solari, PV u dwal tat-toroq fil-Komuni ta' Goraj u Turobin | Proġett awtonomu | 1,371 | 0,2 | 1,165 | 0,12 / 0,12 MW | MA | Mhux definita / Mhux ipprovduta |

## Anness III

| Nru tal-Proġett | Stat Membru | Programm operazzjonali | Intervent | Mod ta' implimentazzjoni | Baġit għall-proġett (miljun EUR) | Li minnhom kofinanzjament | | Kapaċità addizzjonali tas-SER installata (ippjanata/ eali) MW jew kWp/a | Investimenti fil-proġetti awditjati (miljun EUR/MW jew EUR/ kWp/a) | Medja tal-enerġija ġġenerata (ippjanata/ reali) MWh/a |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nazzjonali (miljun EUR) | FEŻR / FK (miljun EUR) | | | |
| Proġett 21 | MT | Ninvestu fil-Kompettività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar | Installazzjoni ta' Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) | Proġett awtonomu | 0,464 | 0,07 | 0,395 | 134/134 KW p/a | 3 464 | 235 / 213 MWh/a[1] |
| Proġett 22 | | Ninvestu fil-Kompettività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar | Awtorità għall-Użu Intelliġenti tal-Enerġija (Awtorità tad-Djar) | Proġett awtonomu | 0,041 | 0,006 | 0,035 | 3,48/3,51 KW p/a | 3 949 | 5,23 / 5,28 MWh/a[1] |
| Proġett 23 | | Ninvestu fil-Kompettività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar | Promozzjoni tas-SER fis-Settur Domestiku | Skema tal-għotja | 16,932 | 2,76 | 14,392 | 9 216 KW p/a | MA | 9 015 / 13 824 MWh/a[1] |
| Proġett 24 | | Ninvestu fil-Kompettività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar | Skema tal-Għotja tal-Enerġija għall-Intrapriżi taħt il-FEŻR | Skema tal-għotja | 18,404 | 2,76 | 15,643 | 6 023 KW p/a | MA | 5 000 MWh/a / Mhux ipprovduta |

1 *Nota:* Ir-riżultati mhumiex ibbażati fuq data mkejla.

## Evalwazzjoni fil-qosor tar-riżultati tal-proġetti SER

*N.B.* Għal raġunijiet ta' komparabbiltà, f'dan l-anness xi proġetti huma maqsuma f'sottoproġetti sabiex it-total ikun 27.

| | | Għadd ta' proġetti /sottoproġetti evalwati | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Fqira | Sodisfaċenti | Tajba | Mhux applikabbli/*data* mhux disponibbli |
| Implimentazzjoni tal-proġetti | L-installazzjonijiet qed jiffunzjonaw mingħajr problemi sinifikanti (il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk l-installazzjoni qed tiffunzjona mingħajr perjodi ta' qtugħ mhux ippjanati; **sodisfaċenti** jekk il-perjodi ta' qtugħ għandhom impatt limitat fuq il-produzzjoni ta' enerġija; **fqira** jekk il-perjodi ta' qtugħ għandhom impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni ta' enerġija) | 0 | 2 | 25 | 0 |
| | Kapaċità tal-enerġija installata (il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk il-kapaċità tal-enerġija ppjanata hija installata; **sodisfaċenti** fil-każ ta' devjazzjonijiet mhux sinifikanti mill-pjan u **fqira** jekk il-kapaċità tal-enerġija mhijiex installata/hemm devjazzjonijiet sinifikanti) | 0 | 0 | 27 | 0 |
| | Il-kapaċità totali ta' produzzjoni li qed tintuża konformi mal-ippjanar (il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk il-kapaċità tal-enerġija użata hija skont il-pjan, **sodisfaċenti** fil-każ ta' devjazzjonijiet mhux sinifikanti mill-pjan u **fqira** jekk il-kapaċità tal-enerġija mhijiex użata/hemm devjazzjonijiet sinifikanti) | 2 | 6 | 19 | 0 |
| | Pjan Tekniku (PT) f'konformità (il-prestazzjoni tal-proġett hija **fqira** jekk hemm devjazzjonijiet sinifikanti mill-PT; **sodisfaċenti** jekk hemm devjazzjonijiet mingħajr impatt reali fuq ir-riżultati u **tajba** jekk ma hemmx devjazzjonijiet) | 0 | 1 | 26 | 0 |
| | Baġit f'konformità (il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk ma hemmx devjazzjonijiet fil-prezz, **sodisfaċenti** jekk hemm żieda ta' 0 %<x< 20 %, **fqira** jekk hemm żieda ta' > 20 %) | 1 | 0 | 26 | 0 |
| | Pjan Operazzjonali (PO) f'konformità (il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk ma hemmx devjazzjonijiet mill-PO, **sodisfaċenti** jekk hemm ftit devjazzjonijiet mingħajr impatt reali fuq ir-riżultati u **fqira** jekk hemm devjazzjonijiet sinifikanti) | 2 | 6 | 19 | 0 |
| | Ġestjoni tar-riskju, kumplessità tal-proġett, ostakoli għall-implimentazzjoni (il-prestazzjoni tal-proġetti hija **tajba** jekk tittieħed azzjoni fejn jiġu identifikati r-riskji, **sodisfaċenti**, jekk ir-riskji huma analizzati u mtaffija parzjalment, **fqira** jekk ma titwettaq ebda analiżi tar-riskji xierqa) | 0 | 10 | 17 | 0 |
| | Indikaturi tal-prestazzjoni trasparenti, rilevanti u li jistgħu jitkejlu u għażla tal-applikazzjonijiet imħejjija bl-aħjar mod/maturi (il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk jintużaw indikaturi adegwati biex jintgħażlu applikazzjonijiet imħejjija bl-aħjar mod u maturi, jekk il-kosteffettività tal-applikazzjonijiet hija evalwata u jekk il-kompetizzjoni fost l-applikazzjonijiet hija żgurata; **sodisfaċenti** jekk dawn il-kriterji huma applikati parzjalment biss; **fqira** — jekk mhux applikati) | 0 | 27 | 0 | 0 |
| | Aċċettazzjoni ta' liċenzjar/permessi/pubblika (proġett matur u lest). Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk il-faċilità qed topera, ma ġiet identifikata ebda problema relatata mal-kisba tal-permessi meħtieġa; **sodisfaċenti** jekk inkisbu biss il-liċenzji kritiċi, **fqira** jekk ġew identifikati problemi serji fl-aċċettazzjoni ta' liċenzjar/permessi/pubblika | 0 | 2 | 25 | 0 |

| | | Għadd ta' proġetti /sottoproġetti evalwati | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Fqira | Sodisfaċenti | Tajba | Mhux applikabbli/*data* mhux disponibbli |
| **Kosteffettività** | Effiċjenza operazzjonali. Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk l-effiċjenza operazzjonali hija > 95 %; **sodisfaċenti** jekk 80< x < 95 %; **fqira** jekk < 80 % | 4 | 7 | 7 | 9 |
| | Spejjeż ta' investiment (kostruzzjoni) (EUR/MW jew EUR/KWp). Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk l-ispejjeż ta' investiment huma ogħla mill-medja < 10 % jew inqas; **sodisfaċenti** jekk ogħla mill-medja 10<x< 30 %; **fqira** jekk ogħla mill-medja > 30 % | 4 | 1 | 17 | 5 |
| | Kriterji ta' kosteffettività użati fl-għażla tal-proġetti. Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk jintgħażlu l-proġetti li huma l-aktar kosteffettivi:<br>- l-aħjar proporzjon bejn il-kost/il-kapaċità enerġetika installata(EUR/MW)<br>- l-aħjar proporzjon bejn il-kost/il-ġenerazzjoni tal-enerġija (EUR/MWh);<br>**sodisfaċenti** — jekk il-kriterji ta' kosteffettività jintużaw parzjalment;<br>**fqira**- jekk ma jintużawx | 12 | 10 | 5 | 0 |
| | Finanzjament ta' proġetti bbażat fuq proċedura miftuħa ta' sejħiet u għażla, kompetizzjoni bejn l-applikazzjonijiet. Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk tintuża proċedura miftuħa ta' sejħiet u għażla; **sodisfaċenti** — jekk din tintuża iżda jiġu riċevuti għadd baxx ta' proposti; **fqira**- jekk din ma tintużax | 8 | 14 | 5 | 0 |
| | Studji xierqa disponibbli. Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk għall-ippjanar jintużaw studji ta' fattibbiltà/ta' negozju jew studji oħra; **sodisfaċenti** — jekk dawn mhux dejjem jiġu segwiti; **fqira** — jekk dawn ma jintużawx | 6 | 10 | 10 | 1 |
| | Sjieda (impenn tas-sidien/partijiet interessati biex jimplimentaw il-proġett). Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk kien hemm sjieda soda b'għarfien u assi adegwati impenjati għall-proġett mill-fażi ta' żvilupp tal-proġett u matul l-operat tal-faċilità; **sodisfaċenti** — jekk stabbli b'xi vulnerabiltà tal-assi jew tal-għarfien; **fqira** — jekk instabbli, ebda għarfien u assi adegwat impenjat għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġett. | 0 | 10 | 17 | 0 |
| | Koerenza mal-qafas strateġiku tas-SER. Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jl-objettivi tal-proġett kienu rilevanti u koerenti mal-qafas strateġiku tas-SER; **sodisfaċenti** — jekk xi komponenti tal-proġetti ma kinux marbuta direttament mal-objettivi tas-SER; **fqira** — jekk l-objettivi ma kinux rilevanti jew koerenti mal-qafas strateġiku tas-SER. | 0 | 0 | 27 | 0 |

| | Għadd ta' proġetti /sottoproġetti evalwati | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Ilħuq tal-objettivi** | Fqira | Sodisfaċenti | Tajba | Mhux applikabbli/*data* mhux disponibbli |
| Enerġija ġġenerata. Il-prestazzjoni tal-proġett hija **tajba** jekk l-enerġija ġġenerata hija > 95 % ta' dik ippjanata; **sodisfaċenti** jekk 85<x < 95 %; **fqira** jekk < 85 % | 6 | 2 | 6 | 13 |

# Risposta tal-Kummissjoni



## Taqsira Eżekuttiva

### III

Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-fatt li nstab li l-l-proġetti kollha awditjati tal-ġenerazzjoni tar-RES taw riżultati kif ippjanat. Fid-dawl taż-żieda fl-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni li jistgħu jiġu previsti fl-enerġija sostenibbli, inkluż l-enerġija rinnovabbli, matul l-2014-2020, ir-rapport mill-Qorti huwa ferm f'waqtu, u, ġeneralment, l-ixprunar tar-rapport biex jagħmel użu aħjar tal-finanzjament huwa aħbar tajba.

### IV

Sakemm l-istallazzjoni tkun kompletament operazzjonali, il-prestazzjoni attwali tas-sistema mhijiex magħrufa. Il-livell attwali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija jvarja minn sena għal sena skont diversi parametri (inkluż eż. il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi, l-affidabilità tat-tagħmir u l-bini ta' okkupanza). Id-dejta attwali tkun irrappurtata ladarba l-proġett jiġi operazzjonali b'mod sħiħ.

### IV L-ewwel punt

Il-konsiderazzjonijiet tal-kosteffettività jistgħu jiġu definiti fil-kriterji tal-għażla tal-interventi speċifiċi. Madankollu, il-Politika ta' Koeżjoni sservi għan iktar wiesa' u l-programmi operazzjonali kollha ffinanzjati mill-Politika ta' Koeżjoni jridu jikkonformaw mal-objettivi tal-politika li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u tippromwovi żvilupp ġenerali armonjuż billi tnaqqas id-diskrepanzi bejn il-livelli ta' żvilupp fir-reġjuni, u tippromwovi l-iżvilupp fir-reġjuni l-anqas privileġġjati. Il-politika ta' koeżjoni hija politika integrata u bbażata fuq il-post, u sehem akbar tar-RES hu wieħed mill-objettivi multipli tal-programmi tagħha, li jfisser li l-proġetti jistgħu simultanjament jimmiraw għal aktar objettivi minn sempliċement il-ġenerazzjoni tar-RES. Il-Kummissjoni tagħraf il-prinċipji tal-effiċjenza u l-effikċja kif definiti fi ħdan ir-Regolament Finanzjarju tal-UE[1]. Ir-Regolament jgħid li l-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba u l-prinċipju tal-effikaċja jirrigwarda l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-effiċjenza u l-effikaċja għandhom mhux biss jiġu mkejla f'megawatts tar-RES għal kull euro investit, iżda wkoll f'termini ta' suċċess kumplessiv tal-programm u l-proġetti biex jintlaħqu r-riżultati mixtieqa.

Il-Kummissjoni tqis li l-kunċett tal-kosteffettività jista' jiġi definit b'ħafna modi: it-tnaqqis fl-ispejjeż fi żmien qasir ħafna, jew tnaqqis tal-ispejjeż effiċjenti u dinamiku fuq żmien medju u twil permezz ta' innovazzjoni għat-trasformazzjoni globali tas-sistema tal-enerġija f'armonija mal-miri tal-2020 u t-tħejjija għall-futur.

### IV It-tieni punt

Il-Kummissjoni tqis li l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni fir-RES saru f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti tal-qafas leġiżlattiv applikabbli. Il-fehmiet tagħha dwar il-valur miżjud Ewropew tal-politika ta' Koeżjoni kienu stabbiliti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 "Il-valur miżjud tal-baġit tal-UE"[2]. Il-biċċa l-kbira tal-investiment fir-RES għandu jsir mis-settur privat. L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jiżguraw li l-finanzjament pubbliku ma jissostitwixxix, iżda għandu jikkomplementa u jingrana l-investiment privat f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu jintuża biex jikkomplimenta l-iskemi ta' sostenn nazzjonali eżistenti biex jiżgura l-valur miżjud. Il-Kummissjoni tqis li varjetà ta' fatturi jeħtieġu li jitqiesu fl-analiżi ta' valur miżjud ta' fondi tal-UE f'dan il-qasam.

1 L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

2 SEC(2011) 867 final tad-29.6.2011, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Il-valur miżjud tal-baġit tal-UE", li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020".

**V**

Il-Kummissjoni konsistentement enfasizzat lill-Istati Membri il-punt dwar id-dgħufijiet ta' sistemi amministrattivi nazzjonali.

Ir-riforma tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2014-2020 se tipprovdi lill-kumitat ta' monitoraġġ tal-programmi operazzjonali rispettivi l-inċentivi meħtieġa biex japprovaw kriterji ta' għażla, biex b'hekk jiġi żgurat impatt massimu għal dan it-tip ta' investiment. L-Istati Membri u r-reġjuni se jkollhom jiddeċiedu bil-quddiem fuq liema objettivi huma għandhom l-intenzjoni li jiksbu mar-riżorsi disponibbli u jidentifikaw b'mod preċiż kif se jitkejjel il-progress lejn dawk il-miri għal kull assi prijoritarju. Dan jippermetti monitoraġġ regolari u dibattitu dwar kif ir-riżorsi finanzjarji huma użati.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ġew introdotti rekwiżiti b'saħħithom għal loġika ta' intervent aktar b'saħħtu għall-prijoritajiet kollha, inkluż għadd ta' indikaturi komuni tal-produzzjoni, li l-użu tagħhom huwa obbligatorju fejn rilevanti. Fil-qasam tar-RES, kemm ir-Regolamenti tal-FEŻR u tal-FK għall-2014-2020 jinkludu indikatur komuni dwar "Kapaċità addizzjonali ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli".

Fir-rigward tal-osservazzjonijiet relatati mal-aspetti tal-effikaċja tal-kosteffettività, il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha għall-paragrafu IV.

## VIII Rakkomandazzjoni 1

Skont il-qafas għall-koeżjoni, il-Kummissjoni mhijiex involuta fl-għażla ta' proġetti, ħlief għall-approvazzjoni ta' proġetti maġġuri.

Il-qafas regolatorju l-ġdid għall-2014-2020, madankollu, jiżgura mill-bidu li, permezz tal-kontenut tal-programmi adottati u l-loġika tal-intervent inklużi l-objettivi tal-indikaturi tar-riżultati u r-riżultati inkapsulati f'assi prijoritarji, l-għażla tal-proġetti se ssir mill-Istati Membri kemm jista' jkun skont ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti.

Ukoll, abbażi tal-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fil-livell ta' kull programm operazzjonali, il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni permezz tal-istadji importanti fir-rigward tal-indikaturi biss li tinkoraġġixxi u teżamina mill-ġdid il-prestazzjoni tal-programmi. Fejn ikun hemm evidenza li tirriżulta minn rieżami tal-prestazzjoni li prijorità tkun naqset milli tikseb l-istadji importanti fir-rigward biss tal-indikaturi finanzjarji u ta' riżultati u l-passi ta' implimentazzjoni ewlenin stabbiliti u li l-Istat Membru ma jkunx ħa l-passi meħtieġa biex tiġi rrettifikata l-problema, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagament interim kollu jew parti minnu jew tapplika fl-aħħar mill-aħħar il-korrezzjonijiet finanzjarji. Ir-riżerva għall-prestazzjoni m'għandhiex tkun allokata għal programm bħal dan.

Fil-qafas legali għall-2014-2020, il-Kummissjoni ssaħħaħ ukoll il-kundizzjonalitajiet ex-ante għall-fondi sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom ikunu fis-seħħ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni b'mod attiv u b'xogħol kontinwu mal-Istati Membri se tagħti pariri lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex tinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-proċess tal-għażla u l-kriterji tal-għażla ta' proġetti RES. Il-kontribuzzjoni għar-riżultati mistennija tal-assi prijoritarju issa hija meħtieġa li tiġi inkluża fil-kriterji tal-għażla.

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni taqbel dwar l-importanza li jiġi evitat *deadweight*. Biex tappoġġja approċċ iktar ibbażat fuq is-suq fil-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-użu ta' strumenti finanzjarji minflok għotjiet bħala sostenn għall-investimenti li huma mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli iżda li ma jagħtux lok għal finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll li l-programmi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet xierqa tal-ħtiġijiet. Għal dan l-għan, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprovdi li l-Ftehim ta' Sħubija għall-2014-2020 għandu jipprovdi analiżi tad-diverġenzi u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp u l-potenzjal ta' tkabbir. Għażliet magħmulin f'kull programm operazzjonali għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq. Rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (eż. approċċ strateġiku, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli) se jiżguraw ukoll ippjanar ottimali tal-investimenti RES tal-Politika ta' Koeżjoni.

Madankollu, il-politika ta' Koeżjoni hija politika integrata u bbażata fuq il-post, u sehem akbar tar-RES hu biss wieħed mill-bosta objettivi tagħha. B'mod partikolari objettivi oħrajn tal-Politika ta' koeżjoni, bħall-promozzjoni tal-innovazzjoni jistgħu jiġġustifikaw l-għażla ta' teknoloġiji li mhumiex l-aktar kosteffettivi. Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprovdi li proċeduri ta' għażla u kriterji jeħtieġu jiżguraw il-kontribut tal-operazzjonijiet għall-ksib ta' objettivi u riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti tal-programm operazzjonali, li jistgħu jimmiraw lejn aktar għanijiet mill-ġenerazzjoni tar-RES.

Fir-rigward ta' proġetti maġġuri, fil-perjodu ta' programmar 2014-2020 il-Kummissjoni se tkompli tirrikjedili titwettaq analiżi tal-kost-benefiċċju, inkluża analiżi ekonomika u finanzjarja. Bħala parti tal-analiżi tal-kost-benefiċċju, hija meħtieġa analiżi tal-opzjoni li, fost aspetti oħra, tqis l-aspetti ekonomiċi u finanzjarji, bħal spejjeż ta' kostruzzjoni, sabiex tintgħażel l-aħjar opzjoni, filwaqt li wieħed jipprova jimmassimizza l-benefiċċji tal-proġett għas-soċjetà.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni fit-tieni inċiż. Hija konsistentement fakkret lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa li tiġi assigurata l-istabbiltà fil-qafas regolatorju u wkoll ikkritikat b'mod kostanti modifiki frekwenti u retroattivi fl-oqfsa regolatorji tal-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2013 dwar "It-twettiq tas-suq intern tal-elettriku u li jsir l-aħjar użu ta' intervent pubbliku" u l-Gwida tal-Kummissjoni għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-Gwida dwar l-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fl-enerġija rinovabbli jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.[3]

3 C (2013) 7243 finali tal-5.11.2013, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-twettiq tas-suq intern tal-elettriku u li jsir l-aħjar użu ta' intervent pubbliku" u d-dokument ta' ħidma li jakkumpanja tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2013) 439 final "Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli" u SWD(2013) 440 final "Gwida dwar l-użu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tal-enerġija rinnovabbli"

### VIII Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li min-naħa tagħha, ġiet implimentata. Il-Gwida ta' Novembru 2013 tal-Kummissjoni għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri. Il-linji gwida li ġejjin għall-Għajnuna fl-Enerġija u l-Għajnuna Ambjentali se jikkontribwixxiu wkoll sabiex tiżdied il-kosteffettività tal-iskemi ta' sostenn tal-Istati Membri għall-enerġija rinnovabbli.

## Introduzzjoni

### 07

Il-Kummissjoni tinnota li r-responsabilità għat-tneħħija ta' ostakli speċifiċi għas-settur li jxekklu l-investimenti fir-RES hija f'idejn l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni indirizzat dawn l-ostakli fir-rapporti regolari tagħha fejn tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri. Skemi ta' sostenn mhux dejjem kienu mfassla b'mod tajjeb, li jwassal jew għal kondizzjonijiet mhux favorevoli jew għal kumpens żejjed. Il-Gwida tal-Kummissjoni għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli, maħruġa f'Novembru 2013, kif ukoll il-Gwida dwar l-użu tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għall-enerġija rinnovabbli jenfasizzaw il-prinċipji li għandhom jiġu segwiti biex jindirizzaw din is-sitwazzjoni.[4]

4 C (2013) 7243 finali tal-5.11.2013, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-twettiq tas-suq intern tal-elettriku u li jsir l-aħjar użu ta' intervent pubbliku" u d-dokument ta' ħidma li jakkumpanja tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2013) 439 final "Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli" u SWD(2013) 440 final "Gwida dwar l-użu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tal-enerġija rinnovabbli"

## Osservazzjonijiet

### 17
Filwaqt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li diffikultajiet fl-integrazzjoni tal-elettriku RES fil-grilja setgħu fixklu l-esplojtazzjoni tar-RES, dan mhuwiex direttament dipendenti fuq il-maniġment tal-proġett. Ir-rekwiżit għat-titjib tal-aċċess għal elettriku RES għall-grilji hu rekwiżit legali skont id-Direttiva tal-Enerġija Rinnovabbli.

### 18
Il-Kummissjoni fil-fatt tqis li l-progress li għamlu l-Istati Membri sabiex ineħħu l-ostakli amministrattivi f'dan il-qasam huwa wieħed kajman.

Fir-rigward tar-referenza għar-Renju Unit, il-Kummissjoni tqis li l-formulazzjoni għandha tqis l-arranġamenti kostituzzjonali u l-proċess ta' devoluzzjoni prevalenti f'dan l-Istat Membru. Id-dokumenti differenti ta' programmi operazzjonali u l-kumitati ta' monitoraġġ fir-Renju Unit huma singoli u indipendenti, u l-armonizzazzjoni tinkiseb permezz tal-użu ta' temi trasversali fil-programmi kollha inkorporati fil-pajjiż.

### 20 L-ewwel inċiż
L-awtorità kontraenti rikonoxxiet dawn il-kwistjonijiet u l-offerti infetħu mill-ġdid preċiżament biex jiġu żgurati trasparenza u aktar kompetizzjoni.

### 20 It-tieni inċiż
Fir-rigward ta' proġetti eoliċi fil-Polonja, ma kien hemm l-ebda ostakolu (jekk bħala riżultat tal-proċedura tal-għoti kienet tintgħażel l-offerta ta' fornitur ieħor) għall-benefiċjarju biex japplika għal tibdil għal permessi tal-bini maħruġa u l-ispeċifikar ta' mudell ieħor ta' turbini.

Fir-rigward tal-proġett tal-kollettur solari fil-Polonja, il-kamp ta' applikazzjoni tal-offerta ġie deskritt b'mod xieraq u b'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli. Fid-deskrizzjoni tal-offerta, kien determinat li l-proċediment kien jikkonċerna t-tip ta' kollettur solari jew tip ieħor bl-istess parametri.

Il-proġett inkwistjoni ġie wkoll soġġett għal żewġ kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali li ma qajmux dubji dwar il-konformità tal-liġi tal-akkwist pubbliku.

### 21
Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ġew introdotti rekwiżiti b'saħħithom għal loġika ta' intervent aktar b'saħħitha għall-prijoritajiet kollha, inkluż għadd ta' indikaturi komuni tal-produzzjoni, li l-użu tagħhom huwa obbligatorju fejn rilevanti. Fil-qasam tar-rinovabbli, kemm ir-Regolamenti tal-FEŻR u tal-FK għall-2014-2020 jinkludu indikatur komuni dwar "Kapaċità addizzjonali ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli". Madankollu, il-valutazzjoni se tkun dejjem meħtieġa biex wieħed jifred il-kontribuzzjoni ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni għal bidliet f'mudelli ta' produzzjoni u l-konsum tal-enerġija rinnovabbli mill-influwenza ta' fatturi oħra esterni.

### 23
Sakemm l-installazzjoni tkun kompluta u kompletament operazzjonali, il-prestazzjoni attwali tas-sistema mhijiex magħrufa. Il-livell attwali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija jvarja minn sena għal sena skont diversi parametri (inkluż eż. il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, l-affidabilità tat-tagħmir u l-bini ta' okkupanza). Id-dejta attwali hi rrappurtata ladarba l-proġett huwa operazzjonali b'mod sħiħ.

### 24
Fir-rigward il-proġetti eoliċi fil-Polonja, li minnhom 4 minn 5 ma laħqux il-miri skont it-Tabella 1, il-Kummissjoni tqis li r-riżultati għandhom jiġu valutati waqt il-perjodu operzzjonali sħiħ ta' park eoliku, li ma kienx il-każ għal wieħed mill-proġetti. Ippjanar territorjali aħjar ta' investimenti tar-RES huwa rakkomandabbli, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi għat-tip tar-RES ikkonċernat fil-post partikolari. Il-fatt li proġetti tar-RES xi kultant ma jilħqux jew jilħqu biss parzjalment il-miri tal-produzzjoni ppjanati tagħhom jikkonferma l-profil ta' riskju għoli ta' investimenti bħal dan u b'hekk, il-ħtieġa għal finanzjament pubbliku sabiex jinkisbu proġetti bankabbli u b'hekk jattiraw finanzjament privat.

### Kaxxa 5 — It-tieni paragrafu

Il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-awtoritajiet Pollakki u l-isħubija tal-"Għajnuna Konġunta għas-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS)" biex jiġu vvalutati r-riżultati u r-rata finanzjarja tal-profitti (FRR) ta' proġetti ta' parks eoliċi fuq il-bażi ta' aktar stimi realistiċi. L-indikaturi tar-riżultati imbagħad jirriflettu aħjar il-ħin tax-xogħol ta' parks eoliċi.

### Kaxxa 5 — It-tielet paragrafu

Fir-Renju Unit, tnejn mill-ħames siti awditjati taw riżultati aktar baxxi milli mistenni minħabba domanda iktar baxxa fuq is-sistemi milli previst. Dan l-eżerċizzju ta' ġbir ta' dejta ppjanat mill-Awtorità ta' Ġestjoni għat-tmiem l-operazzjonijiet għandu l-ħsieb li jiġbor id-dejta speċifika tas-sit li għandha tipprovdi aktar ċarezza dwar għaliex id-domanda kienet inqas minn dak previst.

### 26

Il-Kummissjoni tagħraf il-prinċipji tal-effiċjenza u l-effikċja kif definit fi ħdan ir-Regolament Finanzjarju tal-UE. Ir-Regolament jgħid li l-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba u l-prinċipju tal-effikaċja jirrigwarda l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-effiċjenza u l-effikaċja għandhom mhux biss jiġu mkejla f'megawatts tar-RES għal kull euro investit, iżda wkoll f'termini ta' suċċess kumplessiv tal-programm u l-proġetti biex jintlaħqu r-riżultati mixtieqa.

### 27

Il-konsiderazzjonijiet tal-kosteffettività jistgħu jiġu definiti fil-kriterji tal-għażla tal-interventi speċifiċi. Madankollu, il-Politika ta' Koeżjoni sservi għan iktar wiesa' u l-programmi operazzjonali kollha ffinanzjati mill-Politika ta' Koeżjoni jridu jikkonformaw mal-objettivi tal-politika li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u tippromwovi żvilupp ġenerali armonjuż billi tnaqqas id-diskrepanzi bejn il-livelli ta' żvilupp fir-reġjuni, u tippromwovi l-iżvilupp fir-reġjuni l-anqas privileġġjati.

Il-politika ta' koeżjoni hija politika integrata u bbażata fuq il-post, u sehem akbar tar-RES hu wieħed mill-objettivi multipli tal-programmi tagħha, li jfisser li l-proġetti jistgħu simultanjament jimmiraw għal aktar objettivi minn sempliċement il-ġenerazzjoni tar-RES. Madankollu, fir-rigward ta' investiment speċifikament fir-RES, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett tal-kosteffettività jista' jiġi definit f'ħafna modi: it-tnaqqis fl-ispejjeż fi żmien qasir ħafna, jew tnaqqis tal-ispejjeż effiċjenti u dinamiku fuq żmien medju u twil permezz ta' innovazzjoni għat-trasformazzjoni globali tas-sistema tal-enerġija f'armonija mal miri tal-2020 u t-tħejjija għall-futur.

### 28

Filwaqt li r-Regolament 1083/2006 ma jirrikjedix "valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet", il-Kummissjoni taqbel li valutazzjoni tal-ħtiġijiet tista' tkun utli. Bħala rekwiżit ġenerali għall-programmi operazzjonali kollha ffinanzjati mill-Politika ta' Koeżjoni fil-perjodu 2007-2013, il-programmi fihom "analiżi tas-sitwazzjoni tal-qasam jew is-settur eliġibbli f'termini tal-punti qawwija u d-dgħufijiet u l-istrateġija magħżula bħala rispons".

Fl-2014-2020, l-assi prijoritarji se jagħżlu prijorità waħda jew aktar ta' investiment skont il-ħtiġijiet speċifiċi u l-kuntest tal-Istati Membri. L-objettivi speċifiċi u l-indikaturi tar-riżultat korrispondenti mbagħad jesprimu dak li kull assi prijoritarju għandu l-għan li tikseb — relatat mal-analiżi tas-sitwazzjoni u tal-ħtiġijiet tal-politika identifikati.

### 29

Fil-perjodu 2007-2013, l-ishma relattivi allokati mal-investimenti RES kienu differenti bejn l-Istati Membri, li għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-volum totali ta' fondi disponibbli, il-ħtiġijiet nazzjonali u l-prijoritajiet stabbiliti minn kull Stat Membru. Il-programmi operazzjonali tal-Politika ta' koeżjoni għall-2007-2013 kienu ppjanati u adottati qabel l-adozzjoni tal-miri tal-2020 tal-klima u l-enerġija u l-leġiżlazzjoni rispettiva tal-UE. Konsiderazzjoni ta' kontribuzzjoni lejn il-miri tar-RES 2020 kienet sussegwentement kkunsidrata, jekk u meta Stati Membri nnotifikaw riežamijiet fil-programmi operazzjonali tagħhom.

Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-biċċa l-kbira tal-investiment f'dan il-qasam għandu jsir mis-settur privat. L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jiżguraw li l-finanzjament pubbliku ma jissostitwixxix, iżda għandu jikkomplementa u jingrana l-investiment privat f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għandu jintuża biex jikkomplimenta l-iskemi ta' sostenn nazzjonali eżistenti biex jiżgura l-valur miżjud.

### 30

Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli fl-2009 u r-rekwiżit legali biex jadottaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (NREAPs), l-Istati Membri kienu meħtieġa li jwettqu valutazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet għal investimenti RES, u NREAPs kienu bbażati fuq analiżi tal-ħtiġijiet bħal din. Dawn jikkostitwixxu wkoll ksur serju u bażi kkunsidrat sew għal investimenti RES relatati fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-fatt li dawn il-pjanijiet ġew adottati b'mod trasparenti u disponibbli pubblikament ikkontribwixxa għal ippjanar aħjar u trasparenza, u jippermetti għall-ewwel darba lill-atturi kollha, inklużi l-investituri u l-Istati Membri ġirien, biex jikkoordinaw dawn l-investimenti u b'hekk għal valur miżjud u kosteffettività ogħla. Madankollu, il-programmi operazzjonali tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-20013 ġew innegozjati u approvati qabel ma kienu dovuti nl-NREAPs (Ġunju 2010).

### 30 Ir-raba' inċiż

Valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi operazzjonali ma kinitx obbligatorja, sakemm ċirkostanzi speċifiċi kienu jirrikjedu li ssir, skont l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Madankollu, il-proġetti kollha f'Wales huma, mill-2014, soġġetti għal valutazzjoni. Matul l-2014, l-Awtorità ta' Ġestjoni ta' Wales se titlob għal sinteżi tal-valutazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha biex jinsiltu sejbiet fil-livell tal-programm, inklużi dawk ta' operazzjonijiet ta' enerġija.

### 32

Il-Kummissjoni taqbel mad-dikjarazzjoni ġenerali iżda tinnota li l-ebda ineffiċjenzi ewlenin fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-proġetti awditjati ma ġew identifikati.

### 36

Rigward il-proġetti speċifiċi, l-Istati Membri nfushom huma responsabbli mill-għażla. Fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-kosteffettività u l-objettivi usa' tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għal paragrafi 26 u 27.

### 37

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 26 u 27.

### 39

Il-Kummissjoni taqbel dwar l-importanza li jiġi evitat *deadweight*. Fir-rigward tar-rati ta' kofinanzjament, id-dispożizzjonijiet huma stipulati fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Dan fih innifsu ma jfissirx li parti tal-ispejjeż tal-investiment tal-proġett titħallas minn min finalment jirċievi sussidju pubbliku. Hemm ukoll dispożizzjonijiet fir-rigward ta' proġetti li jiġġeneraw dħul fl-Artikolu 55 tal-istess Regolament. Sabiex ikunu konformi mal-miri vinkolanti tar-RES, jeħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu l-investimenti fil-proġetti tar-RES, li ma jistgħux ikunu bankabbli waħedhom, meta wieħed iqis profil ta' riskju ogħla ta' investimenti bħal dawn. Ir-rati ta' kofinanzjament ta' proġetti ta' għajnuna mill-Istat RES huma stabbiliti permezz ta' deċiżjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, f'liema każ, ma tapplikax il-metodoloġija tad-diskrepanza fil-finanzjament. Madankollu, il-kalkolu tad-diskrepanza fil-finanzjament għadu mħeġġeġ peress li jgħin biex wieħed jistabbilixxi l-ammont (jew l-intensità) tal-għajnuna u jillimita l-għajnuna mill-Istat taħt il-livell massimu, kif xieraq.

Biex tappoġġja approċċ iktar ibbażat fuq is-suq fil-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi u r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprovdi għall-użu ta' strumenti finanzjarji minflok għotjiet li għandhom jiġu implimentati bħala sostenn għall-investimenti li huma mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli iżda li ma jagħtux lok għal finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq. Sostenn permezz ta' strumenti finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni ex ante dettaljata skont l-Artikolu 37(2) tar-Regolament imsemmi hawn fuq li, inter alia, stabbilixxa evidenza ta' nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u l-livell stmat u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku, inklużi tipi ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu sostnuti.

### Kaxxa 7

Il-proġetti tal-parks eoliċi fil-Polonja rċevew bejn 22 % u 70 % tal-ispejjeż totali eliġibbli għall-investiment, sa massimu ta’ EUR 10 miljun. Jista’ jiġi nnotat li l-livell ta’ kofinanzjament mill-UE ta’ proġetti kbar ta’ parks eoliċi, jiġifieri proġetti skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, huwa ta’ bejn 22 u 25 %.

### 42

Fir-rigward ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament pubbliku nazzjonali, tabilħaqq il-finanzjament tal-Politika ta’ Koeżjoni kien meħtieġ li jikkumplimenta dawn skont l-Artikolu 9 tar- Regolament (KE) Nru 1083/2006. Il-FEŻR li jikkumplimenta l-mekkaniżmi ta’ finanzjament eżistenti jkollu valur miżjud finanzjarju fis-sens li jista’ jsir aktar milli jkun il-każ fin-nuqqas tal-Fondi ta’ politika ta’ Koeżjoni. Għal valur miżjud, in-natura tal-politika ma għandhiex għalfejn tinbidel.

### 44

Il-Kummissjoni tindika li l-valur miżjud tal-UE fit-titjib tal-kapaċitajiet amministrattivi huwa wieħed li jieħu ż-żmien. L-investimenti tar-RES jikkostitwixxu qasam relattivament ġdid għall-politika ta’ Koeżjoni u l-effetti tat-tagħlim se jieħdu ftit taż-żmien biex iseħħu.

### 45

Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha fil-paragrafu 7.

### 46

Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha fil-paragrafu 29.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 48 u 52

Ir-riforma tal-Politika ta’ Koeżjoni għall-2014-2020 se tipprovdi lill-kumitat ta’ monitoraġġ tal-programmi operazzjonali rispettivi l-inċentivi meħtieġa biex japprovaw kriterji ta’ għażla, biex b’hekk jiġi żgurat impatt massimu għal dan it-tip ta’ investiment. L-Istati Membri u r-reġjuni se jkollhom jiddeċiedu bil-quddiem fuq liema objettivi huma għandhom l-intenzjoni li jiksbu mar-riżorsi disponibbli u jidentifikaw b’mod preċiż kif se jitkejjel il-progress lejn dawk il-miri għal kull assi prijoritarju. Dan jippermetti monitoraġġ regolari u dibattitu dwar kif ir-riżorsi finanzjarji huma użati.

Għall-perjodu 2014-2020, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprovdi li proċeduri ta’ għażla u kriterji jeħtieġu jiżguraw il-kontribut tal-operazzjonijiet għall-ksib ta’ objettivi u riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti tal-programm operazzjonali, li jistgħu jimmiraw lejn aktar għanijiet mill-ġenerazzjoni tar-RES. Fir-rigward ta’ proġetti maġġuri, il-Kummissjoni teħtieġ li l-Istati Membri/l-Awtoritajiet ta’ Ġestjoni iwettqu analiżi tal-kost-benefiċċju, inkluża analiżi ekonomika u finanzjarja, għal kull proġett maġġuri, sabiex juru li l-proġett huwa mixtieq mil-lat ekonomiku (jiġifieri s-soċjetà hi aħjar bil-proġett) u li l-kontribuzzjoni tal-Fondi tal-politika ta’ koeżjoni hija meħtieġa biex il-proġett ikun finanzjarjament vijabbli u, f’xi każijiet, bankabbli, filwaqt li tqis il-profil ta’ riskju tagħhom. Bħala parti tal-analiżi tal-kost-benefiċċju, hija meħtieġa analiżi tal-opzjoni li, fost aspetti oħra, tqis l-aspetti ekonomiċi u finanzjarji, bħal li l-spejjeż ta’ kostruzzjoni jinżammu kemm jista’ jkun baxxi, sabiex jagħżlu l-aħjar opzjoni, filwaqt li tipprova timmassimizza l-benefiċċji tal-proġett għas-soċjetà.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet tagħha għal paragrafi 25 sa 26, 28 sa 32, 36 sa 37 u 39.

### 50

Il-Kummissjoni konsistentement enfasizzat lill-Istati Membri il-punt dwar id-dgħufijiet ta' sistemi amministrattivi nazzjonali. Dan huwa wkoll rekwiżit legali indirizzat bl-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Din hija mmonitorjata u analizzata fir-rapporti biennali tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-enerġija rinnovabbli.

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet tagħha għal paragrafi 17 sa 21.

### 51

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għal paragrafi 23 sa 25.

### 53

Il-Kummissjoni tqis li l-Investimenti tal-politika ta' koeżjoni fir-RES saru f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti tal-qafas leġiżlattiv applikabbli. Il-fehmiet tagħha dwar il-valur miżjud Ewropew tal-Politika ta' koeżjoni kienu stabbiliti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 "Il-valur miżjud tal-baġit tal-UE". Il-Kummissjoni tqis li l-fatturi li ġejjin jeħtieġu li jitqiesu fl-analiżi ta' valur miżjud ta' fondi tal-UE f'dan il-qasam:

— Il-kontribuzzjoni ta' teknoloġiji u proġetti appoġġjati biex jintlaħqu l-għanijiet RES tal-UE, inkluż il-promozzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni, u l-kontribuzzjoni bl-għoti ta' opportunitajiet għall-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali, speċjalment f'żoni rurali u iżolati;

— Il-kontribuzzjoni ta' proġetti appoġġjati għall-ilħiq tal-miri tar-RES u l-progress tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Rinnovabbli (inkluż billi tikkunsidra l-kontribuzzjoni għall-promozzjoni tar-RES f'setturi differenti (Elettriku RES, tisħin RES u t-Tkessiħ u t-Trasport RES);

— Il-kontribuzzjoni ta' sostenn għall-iżvilupp ta' swieq tal-enerġija rinnovabbli kemm fl-Istat Membru kif ukoll fl-UE;

— Il-kontribuzzjoni tal-fondi tal-UE biex jintlaħqu l-miri RES b'mod ekonomiku u effiċjenti tal-elettriku filwaqt li tiġi promossa l-innovazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija (objettivi tal-politika ta' enerġija integrata u t-tibdil fil-klima tal-UE).

Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għat-tweġibiet tagħha għal paragrafi 42, 46 u 47.

### Rakkomandazzjoni 1

Skont il-qafas għall-koeżjoni, il-Kummissjoni mhijiex involuta fl-għażla ta' proġetti, ħlief għall-approvazzjoni ta' proġetti maġġuri.

Il-qafas regolatorju l-ġdid għall-2014-2020, madankollu, jiżgura mill-bidu li, permezz tal-kontenut tal-programmi adottati u l-loġika tal-intervent inklużi l-objettivi tal-indikaturi tar-riżultati u r-riżultati inkapsulati f'assi prijoritarji, l-għażla tal-proġetti se ssir mill-Istati Membri kemm jista' jkun skont ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti.

Ukoll, abbażi tal-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fil-livell ta' kull programm operazzjonali, il-Kummissjoni tkun f'posizzjoni permezz tal-istadji importanti fir-rigward biss tl-indikaturi biex jinkoraġġixxu u jeżaminaw mill-ġdid il-prestazzjoni tal-programmi. Fejn ikun hemm evidenza li tirriżulta minn rieżami tal-prestazzjoni li prijorità tkun naqset milli tikseb l-istadji importanti fir-rigward biss tal-indikaturi finanzjarji u ta' riżultati u l-passi ta' implimentazzjoni ewlenin stabbiliti u li l-Istat Membru ma jkunx ħa l-passi meħtieġa biex tiġi rrettifikata l-problema, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagament interim kollu jew parti minnu jew japplika fl-aħħar mill-aħħar il-korrezzjonijiet finanzjarji. Ir-riżerva għall-prestazzjoni m'għandhiex tkun allokata lil programm bħal dan.

Fil-qafas legali għall-2014-2020, il-Kummissjoni ssaħħaħ ukoll il-kundizzjonalitajiet ex-ante għall-fondi sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom ikunu fis-seħħ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni b'mod attiv u b'xogħol kontinwu mal-Istati Membri se tagħti pariri lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex tinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-proċess tal-għażla u l-kriterji tal-għażla ta' proġetti RES. Il-kontribuzzjoni għar-riżultati mistennija tal-assi prijoritarju issa hija meħtieġa li tiġi inkluża fil-kriterji tal-għażla.

## Rakkomandazzjoni 1 — L-ewwel punt

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni taqbel dwar l-importanza li jiġi evitat *deadweight*. Biex tappoġġja approċċ iktar ibbażat fuq is-suq fil-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-użu ta' strumenti finanzjarji minflok għotjiet bħala sostenn għall-investimenti li huma mistennija li jkunu finanzjarjament vijabbli iżda li ma jagħtux lok għal finanzjament suffiċjenti mis-sorsi tas-suq. Sostenn permezz ta' strumenti finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni ex ante dettaljata skont l-Artikolu 37(2) tar-Regolament imsemmi hawn fuq li, inter alia, stabbilixxa evidenza ta' nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u l-livell stmat u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku, inklużi tipi ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu sostnuti.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll li l-programmi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet xierqa tal-ħtiġijiet. Għal dan l-għan, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprovdi li l-Ftehim ta' Sħubija għall-2014-2020 għandu jipprovdi analiżi tad-diverġenzi u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp u l-potenzjal ta' tkabbir. Għażliet magħmulin f'kull programm operazzjonali għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq. Rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (eż. approċċ strateġiku, il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli) se jiżguraw ukoll ippjanar ottimali tal-investimenti RES tal-Politika ta' Koeżjoni.

Madankollu, il-Politika ta' koeżjoni hija politika integrata u bbażata fuq il-post, u sehem akbar tar-RES hu biss wieħed mill-bosta objettivi tagħha. B'mod partikolari objettivi oħrajn tal-Politika ta' koeżjoni, bħall-promozzjoni tal-innovazzjoni jistgħu jiġġustifikaw l-għażla ta' teknoloġiji li mhumiex l-aktar kosteffettivi. Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprovdi li proċeduri ta' għażla u kriterji jeħtieġu jiżguraw il-kontribut tal-operazzjonijiet għall-ksib ta' objettivi u riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti tal-programm operazzjonali, li jistgħu jimmiraw lejn aktar għanijiet mill-ġenerazzjoni tar-RES.

Fir-rigward ta' proġetti maġġuri, fil-perjodu ta' programmar 2014-2020 il-Kummissjoni se tkompli teħtieġ li titwettaq analiżi tal-kost-benefiċċju, inkluża analiżi ekonomika u finanzjarja. Bħala parti tal-analiżi tal-kost-benefiċċju, hija meħtieġa analiżi tal-opzjoni li, fost aspetti oħra, tqis l-aspetti ekonomiċi u finanzjarji, bħal spejjeż ta' kostruzzjoni, sabiex jagħżlu l-aħjar opzjoni, filwaqt li tipprova timmassimizza l-benefiċċji tal-proġett għas-soċjetà.

## Rakkomandazzjoni 1 — It-tieni punt

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Hija konsistentement fakkret lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa li tiġi assigurata l-istabbiltà fil-qafas regolatorju u wkoll ikkritikat b'mod kostanti modifiki frekwenti u retroattivi fl-oqfsa regolatorji tal-Istati Membri. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2013 dwar "It-twettiq tas-suq intern tal-elettriku u li jsir l-aħjar użu ta' intervent pubbliku" u l-Gwida tal-Kummissjoni għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-Gwida dwar l-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fl-enerġija rinovabbli jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.[5]

5 C (2013) 7243 finali tal-5.11.2013, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-twettiq tas-suq intern tal-elettriku u li jsir l-aħjar użu ta' intervent pubbliku" u d-dokument ta' ħidma li jakkumpanja tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2013) 439 final "Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli" u SWD(2013) 440 final "Gwida dwar l-użu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tal-enerġija rinnovabbli"

**Rakkomandazzjoni 2**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li min-naħa tagħha, ġiet implimentata. Il-Gwida ta' Novembru 2013 tal-Kummissjoni għat-tfassil ta' skemi ta' sostenn għall-enerġija rinnovabbli għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri. Il-linji gwida li ġejjin għall-Għajnuna fl-Enerġija u l-Għajnuna Ambjentali se jikkontribwixxiu wkoll sabiex tiżdied il-kosteffettività tal-iskemi ta' sostenn tal-Istati Membri għall-enerġija rinnovabbli.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AB-14-006-MT-C ISSN 1831-0907

Il-QEA vvalutat ir-riżultati ta' proġetti għall-ġenerazzjoni tal-Enerġija rinnovabbli kkofinanzjati mill-fondi tal-politika ta' Koeżjoni li jikkontribwixxu għall-mira rilevanti tal-UE għall-2020. Hija tikkonkludi li, waqt li huma wasslu outputs kif ippjanat, bosta proġetti ta' investiment ma kinux iggwidati mill-prinċipju ta' kosteffettività jew ma kellhomx valur miżjud reali tal-UE. Il-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni tippromwovi l-prinċipju ta' kosteffettività fil-programmi ta' appoġġ ikkofinanzjati mill-UE u li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas regolatorju stabbli u prevedibbli għall-Enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom japplikaw kriterji minimi ta' kosteffettività, applikati għaċ-ċirkustanzi tal-proġetti, u jsaħħu l-valur miżjud tal-UE permezz ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni mtejba tal-proġetti.

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-872-0406-6